KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fl-20 ta' Mejju 2015 [1]

**Kawża C-177/14**

**María José Regojo Dans**
**vs**
**Consejo de Estado**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat bejn CES, UNICE u CEEP — Settur pubbliku — Persunal awżiljarju — Klawżola 2(1) — Klawżola 3(1) — Klassifikazzjoni ta' ħaddiem għal żmien determinat — Klawżola 3(2) — Kunċett ta' xogħol identiku jew simili — Natura partikolari tal-kompiti — Paragun imwettaq skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali — Klawżola 4 — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni — Raġunijiet oġġettivi"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari, li toriġina mit-Tribunal Supremo (Spanja), tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat") [2]. Dan it-test li, fis-segwitu għall-Kunsill Ewropew straordinarju tal-Lussemburgu, ifittex li jitwettaq "bilanċ aħjar bejn "flessibiltà fil-ħin tax-xogħol u sigurtà għall-ħaddiema" [3], għandu żewġ għanijiet: minn naħa, huwa jipprevedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri intiżi li jipprevjenu l-abbużi li jirriżultaw mit-tiġdid tal-kuntratti għal żmien determinat [4]; min-naħa l-oħra, huwa jeħtieġ li l-ħaddiema għal żmien determinat ma jkunux ittrattati b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema għal żmien indeterminat paragunabbli.

2. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan it-tieni għan. Hija, b'mod partikolari, imsejħa tinterpreta l-kunċett ta' "[l-]istess xogħol jew xogħol/impjieg simili [xogħol/impjieg identiku jew simili]", li jikkaratterizza l-ħaddiem għal żmien indeterminat "kumparabbli [paragunabbli]" għall-ħaddiem għal żmien determinat li jirrivendika l-benefiċċju tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, kif ukoll sabiex tiddeċiedi dwar il-karatterizzazzjoni tal-"bażi oġġettiva [raġunijiet oġġettivi]" li jistgħu jiġġustifikaw l-inugwaljanza fit-trattament.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.
3 — Preambolu tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, l-ewwel paragrafu.
4 — Klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat.

## I – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

3. Il-klawżola 2(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu: huwa japplika "għal ħaddiema għal terminu fiss [żmien determinat] li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit fil-liġi, fil-ftehim kollettiv jew fil-prattika f'kull Stat Membru".

4. Il-klawżola 3 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat tiddefinixxi l-ħaddiem għal żmien determinat u l-ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli. Skont l-ewwel punt tiegħu, "ħaddiem għal terminu fiss [żmien determinat]" fis-sens tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat huwa l-"persuna li jkollha kuntratt jew relazzjoni ta' l-impjieg direct bejn min jimpjiega u ħaddiem meta l-aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg hu ddeterminat b'kondizzjonijiet oġġettivi bħal li jilħaq data speċifika, ilesti xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta' każ speċifiku". Skont it-tieni punt tiegħu, "ħaddiem kumparabbli permanenti [ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli]" skont il-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, huwa l-ħaddiem li, minn naħa, għandu kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat "fl-istess stabbiliment", minn naħa l-oħra, huwa ingaġġat "fl-istess xogħol jew xogħol/impjieg simili [f'xogħol/impjieg identiku jew simili], wara li tingħata attenzjoni xierqa lill-kwalifiki/kapaċitajiet". Il-klawżola 3(2) tispeċifika li meta ma jkun hemm ebda ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli fl-istess stabbiliment, "il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew meta ma jkun hemm ebda ftehim kollettiv applikabbli, skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika".

5. Il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat tistabbilixxi l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni tal-ħaddiema għal żmien determinat meta mqabbla mal-ħaddiema għal żmien indeterminat paragunabbli. L-ewwel paragrafu tiegħu jipprovdi li "[f]ejn għandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, ħaddiema għal terminu fiss [ħaddiema għal żmien determinat] m'għandhomx jiġu trattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiem kumparabbli permanenti [ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli] biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva [minn raġunijiet oġġettivi]". Il-punt 4 tiegħu jispeċifika li "[k]walifiki ta' perjodu ta' servizz relatati għall-kondizzjonijiet partikolari ta' l-impjieg għandhom ikunu l-istess għal ħaddiema għal terminu fiss [ħaddiema għal żmien determinat] kif ukoll għal ħaddiema permanenti [ħaddiema għal żmien indeterminat] ħlief meta kwalifiki ta' tul ta' servizz differenti huma ġustifikati fuq bażi oġġettivi [minn raġunijiet oġġettivi]".

### B – *Id-dritt nazzjonali*

6. L-Artikolu 8 tal-Liġi dwar ir-regolamenti bażiċi relatati mal-membri tal-persunal fis-servizz pubbliku (Ley 7/2007 del Estatuto Básico del Empleado Público), tat-12 ta' April 2007 [5] (iktar 'il quddiem "LEBEP"), jiddefinixxi l-membri tal-persunal fis-servizz pubbliku bħala "l-persuni li jeżerċitaw funzjonijiet remunerati fl-amministrazzjonijiet pubbliċi fis-servizz tal-interess ġenerali". Huwa jispeċifika li jeżistu erba' tipi ta' membri tal-persunal fis-servizz pubbliku: l-"uffiċjali stabbiliti", l-"uffiċjali temporanji", il-"membri tal-persunal bil-kuntratt" (li jistgħu jkunu għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat) u l-"persunal awżiljarju" [6].

5 — Boletin Oficial del Estado nº89 tat-13 ta' April 2007.

6 — Il-kategorija, fid-dritt Spanjol, magħrufa bl-isem ta' "persunal eventwali" ser tkun hawnhekk magħrufa bħala "persunal awżiljarju".

7. L-Artikolu 9(1) tal-LEBEP jipprovdi li "l-uffiċjali stabbiliti huma l-persuni indikati mil-liġi li jaqgħu taħt l-amministrazzjoni pubblika bis-saħħa ta' relazzjoni statutorja rregolata mid-dritt amministrattiv, sabiex iwettqu servizzi professjonali permanenti mħallsin". L-Artikolu 9(2) tal-LEBEP jipprovdi li "fi kwalunkwe każ, l-eżerċizzju tal-funzjonijiet li jinvolvi l-parteċipazzjoni diretta jew indiretta fl-eżerċizzju tas-setgħa pubblika jew fis-salvagwardja tal-interessi ġenerali tal-Istat u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi jaqa' esklużivament f'idejn l-uffiċjali, skont ir-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi ta' implementazzjoni ta' kull amministrazzjoni pubblika".

8. L-Artikolu 12(1) tal-LEBEP jipprovdi li "jikkostitwixxu persunal awżiljarju l-persuni li, bis-saħħa tal-ħatra tagħhom u b'mod mhux permanenti, iwettqu biss funzjonijiet espressament ikklassifikati bħala funzjonijiet ta' fiduċja jew ta' parir speċjali u huma mħallsa abbażi tal-approprjazzjonijiet baġitarji allokati għal dan il-għan". Il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu jipprovdi li "l-ħatra u t-terminazzjoni ma għandhomx ikunu suġġetti għal restrizzjonijiet". Fi kwalunkwe każ, it-terminazzjoni għandha sseħħ fl-istess ħin li tintemm l-awtorità li taħtha tiġi eżerċitata l-funzjoni ta' fiduċja jew ta' parir. Il-paragrafu 5 tal-imsemmi artikolu jindika li "r-regoli ġenerali li japplikaw għall-uffiċjali stabbiliti japplikaw għall-persunal awżiljarju sa fejn huma adegwati għan-natura tas-sitwazzjoni ta' dawn l-uffiċjali".

9. Qabel id-dħul fis-seħħ tal-LEBEP, fit-13 ta' Mejju 2007, ir-regoli applikabbli għall-membri tal-persunal fis-servizz pubbliku kienu jinsabu fil-Liġi dwar is-servizz pubbliku ċivili (Ley articulada de Funcionarios del Estado), adottata permezz tad-Digriet 315/1964, tas-7 ta' Frar 1964[7] (iktar 'il quddiem l-"LFCE"), u fil-Liġi 30/1984 dwar miżuri għar-riforma tas-servizz pubbliku (Ley de Medidas para la Reforma de la Función Pública), tat-2 ta' Awwissu 1984[8] (iktar 'il quddiem il-"Liġi 30/1984"). L-Artikolu 3 tal-LFCE kien jiddistingwi bejn uffiċjali stabbiliti u membri tal-persunal bil-kuntratt, dawn tal-aħħar setgħu jkunu, jew uffiċjali awżiljarji jew uffiċjali temporanji. L-Artikolu 4 tal-LFCE jipprovdi li "huwa uffiċjal stabbilit kull minn, wara li jkun ibbenefika minn ħatra ġuridika, jeżerċita l-funzjonijiet ta' natura permanenti, jidher fit-tabella tal-persunal korrispettiva u jirċievi salarju bl-assenjazzjoni ta' tali inkarigu lis-Servizz Finanzjarju għall-Persunal tal-Baġit Ġenerali tal-Istat". Fir-rigward tal-persunal awżiljarju, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 20(2) tal-Liġi 30/1984 jipprovdi li huwa "jeżerċita biss funzjonijiet espressament ikklassifikati bħala funzjonijiet ta' fiduċja u ta' parir speċjali; il-ħatra u t-terminazzjoni ma għandhomx ikunu suġġetti għal restrizzjonijiet u jaqgħu esklużivament taħt il-Ministeri u s-Segretarji tal-Istat u, fil-każ ineżami, taħt il-Konsulent tal-Gvern tal-Komunitajiet awtonomi u tal-Presidenti tal-Kunsilli Lokali. Il-ħatra tal-persunal awżiljarju tiġi awtomatikament terminata fl-istess ħin li tintemm l-awtorità li taħtha tiġi eżerċitata l-funzjoni ta' fiduċja jew ta' parir".

10. Fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-membri tal-persunal fis-servizz pubbliku, l-Artikolu 23 tal-LEBEP jirrigwarda r-"remunerazzjoni bażika" tal-uffiċjali stabbiliti. Huwa jiddisponi li din tinkludi, minn naħa, "is-salarju previst għal kull sottogrupp fil-klassifika professjonali jew, fl-assenza tas-sottogrupp, għal kull grupp fil-klassifika professjonali", min-naħa l-oħra "l-allowances li jingħataw kull tliet snin, li jikkonsistu f'ammont fiss, għal kull sottogrupp fil-klassifika professjonali, jew, fl-assenza ta' sottogrupp, għal kull grupp fil-klassifika professjonali, għal kull perijodu ta' tliet snin ta' servizz".

11. Ir-remunerazzjoni tal-persunal awżiljarju hija rregolata mil-liġijiet finanzjarji. Il-Liġi Finanzjarja l-iktar reċenti applikabbli għall-perijodi kkontestati hija l-Liġi 2/2012 tad-29 ta' Ġunju 2012[9] (iktar 'il quddiem il-"Liġi Finanzjarja tal-2012")[10]. L-Artikolu 26(4) tiegħu jiddisponi li "l-persunal awżiljarju jirċievi r-remunerazzjonijiet bħala salarju u bħala tat-tlettax-il xahar u erbatax-il xahar korrispondenti għall-grupp jew għas-sottogrupp fil-klassifika fejn il-Ministeru għall-Finanzi u

7 — Boletin Oficial del Estado nº40 tal-15 ta' Frar 1964.

8 — Boletin Oficial del Estado nº185 tat-3 ta' Awwissu 1984.

9 — Boletin Oficial del Estado nº156 tat-30 ta' Ġunju 2012.

10 — Skont il-Gvern Spanjol, il-liġijiet finanzjarji għar-rapporti finanzjarji 2008 sa 2011 huma bejn wieħed u ieħor identiċi fuq dan il-punt għal-liġi finanzjarja tal-2012.

għall-Amministrazzjonijiet pubbliċi jikkunsidra l-funzjonijiet tagħhom kif ukoll ir-remunerazzjonijiet komplementari korrispondenti għall-post tax-xogħol irriżervat għall-persunal awżiljarju li jokkupawhom […]. L-uffiċjali stabbiliti li, f'sitwazzjoni ta' servizz attiv jew ta' kollokament, jokkupaw postijiet tax-xogħol irriżervati għall-persunal awżiljarju jirċievu r-remunerazzjonijiet bażiċi li jikkorrispondu għall-grupp tagħhom jew għas-sottogrupp tagħhom fil-klassifika, inkluż l-allowances ta' anzjanità li jingħataw kull tliet snin, fil-każ ineżami, kif ukoll ir-remunerazzjonijiet komplementari korrispondenti għall-post tax-xogħol okkupat".

## II – **Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

12. M. J. Regojo hija impjegata bħala persunal awżiljarju mill-Consejo de Estado mill-1 ta' Marzu 1996. Hija hemmhekk tokkupa l-pożizzjoni ta' Kap tas-segretarjat tal-konsulent permanenti President tat-tieni taqsima. Qabel hija kienet impjegata, ukoll bħala persunal awżiljarju, mit-Tribunal Constitucional, mill-4 ta' Lulju 1980 sal-1 ta' Marzu 1996, b'interruzzjoni qasira mis-7 sas-26 ta' April 1995, fejn matul tali interruzzjoni hija ħadmet, bħala membru tal-persunal bil-kuntratt, mal-Consejo Económico y Social.

13. Fil-25 ta' Jannar 2012, M. J. Regojo Dans ressqet talba quddiem il-Consejo de Estado sabiex jiġi rikonoxxut lilha d-dritt li tirċievi l-allowances ta' anzjanità li jingħataw kull tliet snin li jikkorrispondu għall-perijodu li matulu hija kienet impjegata bħala membru tal-persunal fis-servizz pubbliku, jiġifieri 31 sena u nofs fid-data ta' meta ġiet ippreżentata t-talba, u sabiex jingħatalha l-ammont li jikkorrispondi għall-aħħar erba' snin.

14. Permezz tad-deċiżjoni tal-24 ta' Lulju 2012, il-President tal-Consejo de Estado ċaħad it-talba tagħha.

15. M. J. Regojo Dans ippreżentat rikors kontenzjuż amministrattiv kontra din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, billi sostniet, b'mod partikolari, li r-rifjut milli jingħatalha d-dritt għall-allowance ta' anzjanità li tingħata kull tliet snin jikkostitwixxi differenza fit-trattament mill-membri l-oħra tal-persunal fis-servizz pubbliku, u li tali differenza fit-trattament tmur kontra l-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat.

16. It-Tribunal Supremo għaldaqstant iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domandi preliminari segwenti lill Qorti tal Ġustizzja:

"1) Il-'persunal awżiljarju' attwalment irregolat mill-Artikolu 12 tal-[LEBEP] [...] u l-'persunal awżiljarju' preċedentement irregolat mill-Artikolu 20(2) tal-Liġi 30/184 [...], jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' 'ħaddiem għal terminu fiss [żmien determinat]' li tinsab fil-klawżola 3(1) tal-[Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat]?

2) Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni msemmi fil-klawżola 4(4) tal-imsemmi [Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat] huwa applikabbli fir-rigward ta' dan il-'persunal awżiljarju', sabiex dan jingħatalu d-dritt li jirċievi u jitħallsulu r-remunerazzjonijiet imħallsa abbażi tal-anzjanità lill-uffiċjali pubbliċi [stabbiliti], lill-membri tal-persunal bil-kuntratt għal żmien indeterminat, lill-uffiċjali temporanji u lill-membri tal-persunal bil-kuntratt għal żmien determinat?

3) Is-sistema ta' ħatra libera u ta' terminazzjoni libera, ibbażata fuq raġunijiet relatati mal-fiduċja, li tapplika fir-rigward ta' dan il-'persunal [awżiljarju]' bis-saħħa taż-żewġ liġijiet Spanjoli ċċitati iktar 'il fuq, taqa' taħt ir-raġunijiet oġġettivi invokati minn din il-klawżola 4 sabiex jiġi ġġustifikat trattament differenti?"

17. Dawn id-domandi kienu s-suġġett ta' osservazzjonijiet bil-miktub mingħand M. J. Regojo Dans, mill-Gvern Spanjol u mill-Gvern Taljan, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

## III – **Analiżi ġuridika**

### A – *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

18. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ħaddiem li jeżerċita "funzjoni ta' fiduċja jew ta' parir speċjali" għandux jiġi kklassifikat bħala "ħaddiem għal żmien determinat" fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat.

19. Jidhirli li din id-domanda tkopri żewġ kwistjonijiet. Waħda minnhom tirrigwarda l-klassifikazzjoni tal-persunal awżiljarju bħala "ħaddiem", filwaqt li l-kwistjoni l-oħra tirrigwarda l-klassifikazzjoni tal-ħaddiem "għal żmien determinat" fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat.

#### 1. Fuq il-klassifikazzjoni ta' "ħaddiem"

20. Skont il-qorti tar-rinviju, il-persunal awżiljarju jista' biss jiġi kklassifikat bħala "ħaddiem" fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat jekk jissodisfa waħda jew iktar mit-tliet kriterji segwenti: attività li tista' titqies li hija professjoni fis-settur privat, rabta ta' subordinazzjoni u remunerazzjoni li tikkostitwixxi mezz ta' manteniment għalih [11].

21. Issa, la l-klawżola 3(1) u lanqas il-klawżoli l-oħra tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat ma jagħtu definizzjoni ta' "ħaddiem". Fil-fatt, il-klawżola 2(1) ta' dan il-Ftehim qafas tipprovdi li l-"kuntratt ta' impjieg jew [ir-]relazzjoni ta' impjieg" huwa "definit fil-liġi, fil-ftehim kollettiv jew fil-prattika f'kull Stat Membru". Il-premessa 17 tad-Direttiva 1999/70 tispeċifika li "fejn għandhom x'jaqsmu t-termini użati fil-Ftehim qafas [dwar ix-xogħol għal żmien determinat] imma mhux speċifikament definiti hemmhekk, din id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri biex jiddefinixxu dawn it-termini f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali". Fis-sentenza Sibilio, il-Qorti tal-Ġustizzja, meta saritilha d-domanda dwar il-klassifikazzjoni tar-relazzjoni bejn ħaddiema soċjalment utli u l-amministrazzjoni Taljana, iddeċidiet li "huma l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali li għandhom jagħtu definizzjoni dwar dak li jikkostitwixxi kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta'

11 — It-talba għal deċiżjoni preliminari tindika fil-fatt li d-diffikultà hija li "tiġi stabbilita jekk il-kunċetti ta' fiduċja u ta' parir speċjali li jikkaratterizzaw il-persunal awżiljarju skont il-leġiżlazzjoni Spanjola jimponux il-fatt li tiġi rrifjutata lil din il-persuna l-element ta' professjonaliżmu li tissemma' fid-definizzjonijiet ta' "ħaddiem għal żmien determinat" u l-"ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli" stabbiliti fil-klawżola 3(1) u (2) tal-Ftehim qafas". Tali "professjonaliżmu" huwa kkaratterizzat mit-tliet kriterji stabbiliti fil-punt 20 iktar 'il fuq.

impjieg li jaqa' taħt il-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, konformement mal-klawżola 2(1) tiegħu"[12]. Hija l-qorti tar-rinviju, l-unika waħda li għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt intern[13], li għandha tiddeċiedi dwar il-klassifikazzjoni ta' "ħaddiem" tal-persunal awżiljarju.

22. Il-kompetenza tal-Istati Membri sabiex jiddefinixxu l-kuntratt ta' impjieg jew ir-relazzjoni ta' impjieg għandha eċċezzjoni waħda biss: ma tistax, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess sentenza Sibilio, arbitrarjament tiġi eskluża kategorija ta' persuni milli tibbenefika mill-protezzjoni offerta mid-Direttiva 1999/70 u mill-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat[14]. Fil-fatt, il-premessa 17 tad-Direttiva 1999/70 tispeċifika li l-Istati Membri jiddefinixxu t-termini li ma ġewx iddefiniti minn dan il-Ftehim qafas, sakemm id-definizzjonijiet inkwistjoni jirrispettaw il-kontenut tal-imsemmi Ftehim qafas. Id-definizzjoni mid-dritt intern tal-kuntratt ta' impjieg jew ir-relazzjoni ta' impjieg ma tistax għalhekk tippreġudika l-għanijiet u l-effettività tal-istess Ftehim qafas. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri ma jistgħux jeskludu lill-membri tal-persunal fis-servizz pubbliku mill-benefiċċju tal-protezzjoni tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat: "id-definizzjoni tal-kunċett ta' 'ħaddiema għal terminu fiss' skont il-Ftehim qafas [dwar ix-xogħol għal żmien determinat], mogħtija fil-klawżola 3(1) tiegħu, tinkludi l-ħaddiema kollha, mingħajr ma tagħmel distinzjoni skont il-kwalità pubblika jew privata tal-persuna li tħaddem li magħha huma marbutin"[15]. Bl-istess mod, fis-sentenza Sibilio, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li r-Repubblika Taljana ma setgħetx tqis klassifikazzjoni formali minbarra dik tar-"relazzjoni ta' xogħol" meta "din il-klassifikazzjoni formali hija biss fittizja, u b'dan il-mod tkun qed taħbi fir-realtà relazzjoni ta' xogħol fis-sens [tad-]dritt [Taljan]"[16]. Fis-sentenza O'Brien, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar ir-relazzjoni li torbot lill-qrati part-time mal-amministrazzjoni Irlandiża, hija tqis li l-Irlanda setgħat biss tirrifjuta li tikklassifika din bħala relazzjoni ta' xogħol "jekk in-natura tar-relazzjoni ta' impjieg inkwistjoni hija sostanzjalment differenti minn dik li torbot mal-persuni li jimpjegawhom, l-impjegati li skont id-dritt nazzjonali jaqgħu taħt il-kategorija tal-ħaddiema"[17]. Sabiex isir paragun tajjeb, il-qorti tar-rinviju kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-modalitajiet tal-ħatra u tat-tneħħija tal-imħallfin, il-mod ta' organizzazzjoni tax-xogħol tagħhom (ħinijiet, perijodi ta' xogħol, flessibbiltà) kif ukoll il-fatt li kellhom dritt għall-benefiċċji soċjali (allowance għall-mard, allowance ta' maternità jew paternità)[18].

12 — Sentenza Sibilio (C-157/11, EU:C:2012:148, punt 45).

13 — Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "d-Direttiva 1999/70 u l-ftehim qafas [dwar ix-xogħol għal żmien determinat] japplikaw għall-ħaddiema kollha li jipprovdu servizzi remunerati fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg għal żmien determinat li jorbtuhom mal-persuna li timpjegahom" (sentenzi Del Cerro Alonso, C-307/05, EU:C:2007:509, punt 28; Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 114; Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres, C-444/09 u C-456/09, EU:C:2010:819, punt 42; Rosado Santana, C-177/10, EU:C:2011:557, punt 40; Valenza *et*, C-302/11 sa C-305/11, EU:C:2012:646, punt 33; Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13, C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 68; digriet León Medialdea, C-86/14, EU:C:2014:2447, punt 39; u s-sentenza Nisttahuz Poclava, C-117/14, EU:C:2015:60, punt 31).
Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma speċifikat dak illi għandu jitqies li huwa "servizz" u "remunerazzjoni": definizzjoni tant ġenerali ma jidhirlix li b'xi mod tfixkel il-kompetenza tal-Istati Membri.
Barra minn hekk, nosserva li tali definizzjoni hija differenti minn dik tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema, li kienet tieħu inkunsiderazzjoni t-tielet kriterju, dak tar-rabta ta' subordinazzjoni (sentenza Lawrie-Blum, 66/85, EU:C:1986:284, punt 17). Kif josservaw l-avukati ġenerali Kokott u Poiares Maduro, il-kunċett ta' "ħaddiem" ma huwiex kunċett univoku: huwa jvarja skont l-istrument tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-Kawża Wippel, C-313/02, EU:C:2004:308, punt 43; u konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-Kawża Del Cerro Alonso, C-307/05, EU:C:2007:3, punt 11). Forsi hemm bżonn li, fin-nuqqas ta' dan it-tielet kriterju, wieħed jara l-intenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tieħu inkunsiderazzjoni l-iżvilupp tar-relazzjonijiet ta' xogħol "atipiċi", fejn id-distinzjoni bejn ħaddiem impjegat u ħaddiem indipendenti titlef is-sens tagħha: ara Barnard, C., EU Employment Law, Fourth Edition, Oxford University Press, 2012, p. 144 u 152-154.

14 — Sentenza Sibilio (C-157/11, EU:C:2012:148, punt 51).

15 — Sentenza Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres (C-444/09 u C-456/09, EU:C:2010:819, punt 40).

16 — Sentenza Sibilio (C-157/11, EU:C:2012:148, punt 49).

17 — Sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 42).Is-sentenza O'Brien ingħatat sabiex tinterpreta, mhux il-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, iżda d-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267) (iktar 'il quddiem il-"Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time"). Madankollu, dan ma għandux importanza kbira. Fil-fatt, il-formulazzjoni tal-klawżola 2(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time (li jgħid li "dal-Ftehim japplika għal ħaddiema part-time li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' mpjieg kif definiti mil-liġi, mill-ftehim kollettiv jew skond il-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru") tixbah ħafna tal-formulazzjoni tal-klawżola 2(1) tal-Ftehim qafas inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Barra minn hekk, fis-sentenza Sibilio, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċitat is-sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 51).

18 — Sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punti 45 u 46).

23. Fi kliem ieħor, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja, konformement mal-klawżola 2(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, ma tagħtix definizzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol, hija madankollu teħtieġ li tali definizzjoni ma tiġix applikata arbitrarjament: hija teħtieġ li l-kriterji tar-"relazzjoni ta' xogħol", kif definiti mid-dritt nazzjonali applikabbli, jiġu applikati bl-istess mod lill-persuni kollha li jirrivendikaw il-protezzjoni ta' dan il-Ftehim qafas [19].

24. Għalhekk ir-risposta li għandha tingħata lill-qorti tar-rinviju għandha tkun li, għalkemm huma l-Istat Membri li għandhom jiddefinixxu l-kuntratt ta' impjieg jew ir-relazzjoni ta' impjieg, hija għandha tiżgura li tali definizzjoni ma twassalx għall-esklużjoni arbitrarja ta' kategorija ta' persuni, fil-każ ineżami, dik tal-persunal awżiljarju, mill-benefiċċju tal-protezzjoni offerta mid-Direttiva 1999/70 u mill-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat. Il-persunal awżiljarju għandu fil-fatt tingħatalu tali protezzjoni peress li n-natura tar-relazzjoni tiegħu mal-amministrazzjoni pubblika ma hijiex sostanzjalment differenti milli dik li torbot lill-persuni li jimpjegaw mal-persuni li jaqgħu, skont id-dritt Spanjol, fil-kategorija tal-ħaddiema.

25. Kif tosserva l-qorti tar-rinviju, il-persunal awżiljarju ma jistax jiġi eskluż mill-benefiċċju tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat minħabba l-istatus tiegħu ta' membru tal-persunal fis-servizz pubbliku [20].

26. Huwa, minn naħa l-oħra, jista' jiġi eskluż fil-każ li r-relazzjoni tiegħu mal-amministrazzjoni pubblika hija sostanzjalment differenti mir-relazzjoni li torbot mal-persuni li jimpjegaw il-ħaddiema kklassifikati bħala tali mid-dritt Spanjol. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tosserva li, skont l-Artikolu 9(1) tal-LEBEP, l-uffiċjali stabbiliti huma marbuta mal-amministrazzjoni pubblika permezz ta' "relazzjoni statutorja rregolata mid-dritt amministrattiv, sabiex iwettqu *servizzi professjonali* permanenti *mħallsin*" [21]. Hija għalhekk il-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk ir-relazzjoni tal-persunal awżiljarju mal-amministrazzjoni pubblika hijiex sostanzjalment differenti minn dik deskritta fl-Artikolu 9(1) tal-LEBEP.

27. Madankollu, ma narax l-għala l-klassifikazzjoni ġenerali ta' "funzjonijiet ta' fiduċja jew ta' parir speċjali" ma tkoprix l-eżerċizzju tas-"servizzi professjonali", u tali jidher li huwa l-parir tal-qorti tar-rinviju. Nosserva wkoll li l-Artikolu 26(4) tal-Liġi Finanzjarja tal-2012 tipprovdi li "l-persunal awżiljarju jirċievi r-remunerazzjonijiet bħala salarju [...] korrispondenti għall-grupp jew għas-sottogrupp fil-klassifika fejn il-Ministeru għall-Finanzi u għall-Amministrazzjonijiet pubbliċi jikkunsidraw il-funzjonijiet tagħhom [...]": is-salarju bażiku tal-persunal awżiljarju huwa għalhekk identiku għal dak tal-uffiċjali stabbiliti kklassifikati fl-istess grupp. Fir-rigward tal-modalitajiet tal-ħatra u tat-terminazzjoni, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza O'Brien, issemmihom bħala element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata d-differenza sostanzjali, jidhirli li dawn ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni f'din il-kawża. Fil-fatt, il-modalitajiet ta' terminazzjoni huma rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk il-persunal awżiljarju huwiex ħaddiem "għal żmien determinat" u mhux jekk huwiex "ħaddiem"; f'dan ir-rigward, infakkar, li s-sentenza O'Brien ingħatat sabiex tinterpreta l-Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time, u mhux il-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fir-rigward tal-modalitajiet ta' ħatra, ċertament

19 — Ara Robin-Olivier, S., "Id-dritt soċjali tal-Unjoni jista' jnaqqas il-frammentazzjoni tal-kategorija tal-ħaddiema?", *Revue trimestrielle du droit européen*, 2012, p. 480. L-awtriċi tosserva, fir-rigward tas-sentenza O'Brien, li "l-abbiltà tal-Qorti tal-Ġustizzja, f'din il-kawża, tikkonsisti fl-implementazzjoni ta' stħarriġ intern tal-istess dritt nazzjonali, konformement mar-rekwiżit ta' koerenza interna ta' dan id-dritt". L-Avukat Ġenerali Poiares Maduro jirreferi, fir-rigward tal-klawżola 2(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, għal "rinviju kkundizzjonat" għad-dritt nazzjonali (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Del Cerro Alonso, C-307/05, EU:C:2007:3, punt 15).

20 — Sentenzi Adeneler *et* (C-212/04, EU:C:2006:443, punt 54); Marrosu u Sardino (C-53/04, EU:C:2006:517, punt 39); Vassallo (C-180/04, EU:C:2006:518, punt 32); Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:509, punt 25); Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres (C-444/09 u C-456/09, EU:C:2010:819, punt 38); Della Rocca (C-290/12, EU:C:2013:235, punt 34); Fiamingo *et* (C-362/13, C-363/13 u C-407/13, EU:C:2014:2044, punt 29); kif ukoll Mascolo *et* (C-22/13, C-61/13, C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 67).

21 — Enfasi miżjuda minni.

differenti peress li l-persunal awżiljarju, għal kuntrarju tal-uffiċjali stabbiliti, ma huwiex reklutat permezz ta' kompetizzjoni, jidhirli li dawn ma humiex determinati peress li l-persunal awżiljarju jwettaq servizzi simili għal dawk tal-uffiċjali stabbiliti u li r-remunerazzjoni tiegħu hija simili għal tagħhom.

28. Issa ser ngħaddi biex neżamina t-tieni element tal-kunċett ta' "ħaddiem għal terminu fiss [żmien determinat]" fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, jiġifieri, l-"aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg" [it-tmiem tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' xogħol]. Għal kuntrarju tal-kunċett ta' "ħaddiem", il-kunċett dwar l-"aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg" huwa ddefinit minn dan il-Ftehim qafas.

2. Fuq il-klassifikazzjoni tal-ħaddiem "għal terminu fiss" fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat

29. Il-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat tiddefinixxi l-ħaddiem għal żmien determinat bħala l-ħaddiem marbut mal-persuna li timpjegah permezz tal-kuntratt jew tar-relazzjoni tal-impjieg fejn "l-aħħar […] hu ddeterminat b'kondizzjonijiet oġġettivi bħal li jilħaq data speċifika, ilesti xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta' każ speċifiku".

30. Fil-każ ineżami, ir-relazzjoni ta' impjieg tal-persunal awżiljarju tista' tintemm f'żewġ każijiet: awtomatikament, meta tiġi tterminata l-pożizzjoni tas-superjur ġerarkiku, u fuq bażi diskrezzjonali, meta s-superjur ġerarkiku jiddeċiedi b'dan il-mod (din tirrigwarda, skont l-espressjoni tal-Gvern Taljan, it-terminazzjoni "*ad nutum*"). Fil-fatt, l-Artikolu 12(3) tal-LEBEP jipprovdi li "l-ħatra u t-terminazzjoni ma għandhomx ikunu suġġetti għal restrizzjonijiet. Fi kwalunkwe każ, it-terminazzjoni għandha sseħħ fl-istess ħin li tintemm l-awtorità li taħtha tiġi eżerċitata l-funzjoni ta' fiduċja jew ta' parir". Is-sitwazzjoni kienet l-istess taħt il-Liġi 30/1984. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 20(2) tal-Liġi 30/1984 kien jipprovdi fil-fatt li "l-ħatra u t-terminazzjoni ma għandhomx ikunu suġġetti għal restrizzjonijiet u jaqgħu esklużivament taħt il-Ministeri u s-Segretarji tal-Istat u, fil-każ ineżami, taħt il-Konsulent tal-Gvern tal-Komunitajiet awtonomi u tal-Presidenti tal-Kunsilli Lokali. Il-ħatra tal-persunal awżiljarju tiġi awtomatikament terminata fl-istess ħin li tintemm l-awtorità li taħtha tiġi eżerċitata l-funzjoni ta' fiduċja jew ta' parir".

31. Il-klassifikazzjoni tal-persunal awżiljarju bħala ħaddiem "għal żmien determinat" fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat tqajmet, mhux mill-qorti tar-rinviju, iżda mill-Gvern Spanjol. Madankollu jidhirli li huwa neċessarju li dan il-punt jiġi ttrattatt. Barra minn hekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, kif ukoll il-Kummissjoni, ippreżentaw osservazzjonijiet dwar dan il-punt. Dan tal-aħħar, skont ir-rikorrenti, kien ġie diskuss ukoll fil-kuntest tal-proċedura nazzjonali.

32. Il-Gvern Spanjol isostni li l-persunal awżiljarju ma jistax jitqies li huwa ħaddiem "għal żmien determinat" fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat. Huwa fil-fatt iqis li l-prinċipju huwa dak tat-terminazzjoni li ma hijiex suġġetta għar-restrizzjonijiet tal-persunal awżiljarju, u li, f'dan il-każ, it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol ma huwiex determinat minn "kundizzjoni oġġettiva" skont din id-dispożizzjoni. Il-fatt li t-terminazzjoni tal-persunal awżiljarju sseħħ, "fi kwalunkwe każ", awtomatikament, minħabba t-terminazzjoni tal-pożizzjoni tas-superjur ġerarkiku, ma jbiddilx din il-konklużjoni.

33. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tenfasizza li, skont l-Artikolu 12(1) tal-LEBEP, il-persunal awżiljarju jwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod mhux permanenti. It-terminazzjoni li ma hijiex suġġetta għar-restrizzjonijiet tkun, bħat-terminazzjoni awtomatika minħabba t-terminazzjoni tal-pożizzjoni tas-superjur ġerarkiku, determinata minn kundizzjonijiet oġġettivi. Fil-fatt, ir-rikorrenti qisha tikkunsidra li d-deċiżjoni ta' terminazzjoni meħuda mis-superjur ġerarkiku tikkostitwixxi fiha nnifisha "kundizzjoni oġġettiva" fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat.

34. Ma naqbilx mar-rikorrenti li tgħid li t-terminazzjoni li ma hijiex suġġetta għar-restrizzjonijiet mis-superjur ġerarkiku, mingħajr ma huwa jkollu għalfejn jipprovdi raġunijiet, hija "determinat[a] b'kondizzjonijiet oġġettivi" fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat. Ċertament, il-każijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni ("li jilħaq data speċifika, ilesti xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta' każ speċifiku") ma humiex eżawrjenti: fil-fatt, il-klawżola 3(1) tippreċedi din il-lista bil-kelma "bħal". Madankollu, il-possibbiltà tas-superjur ġerarkiku li jittermina mingħajr restrizzjonijiet il-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' xogħol tal-persunal awżiljarju tinkludi l-possibbiltà li dan ma jiġix itterminat: ma huwiex ċert li s-superjur ġerarkiku jiddeċiedi li jipproċedi b'tali terminazzjoni. Konsegwentement, it-terminazzjoni li ma hijiex suġġetta għar-restrizzjonijiet tal-persunal awżiljarju ma tistax, fl-opinjoni tiegħi, titqies li hija determinata b'"kundizzjoni oġġettiva" fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-imsemmi Ftehim qafas [22].

35. Madankollu, it-terminazzjoni tal-pożizzjoni tas-superjur ġerarkiku tikkostitwixxi, fiha nnifisha, kundizzjoni oġġettiva li awtomatikament tinvolvi terminazzjoni tal-persunal awżiljarju. Peress li waħda miż-żewġ każijiet għal terminazzjoni previsti fid-dritt Spanjol tista' titqies li tiddetermina l-"aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg" [it-tmiem tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' xogħol] fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, il-persunal awżiljarju għandu jiġi kklassifikat bħala ħaddiem "għal żmien determinat" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, il-leġiżlatur Spanjol jenfasizza huwa stess in-natura aċċessorja tat-terminazzjoni li ma hijiex suġġetta għar-restrizzjonijiet mis-superjur ġerarkiku, peress li l-Artikolu 12(3) tal-LEBEP jipprovdi li t-terminazzjoni sseħħ fi kwalunkwe każ minħabba t-terminazzjoni tal-pożizzjoni tas-superjur ġerarkiku. Il-possibbiltà ta' terminazzjoni li ma hijiex suġġetta għar-restrizzjonijiet jidhirli li hija, barra minn hekk, wisq improbabbli fil-każ ineżami, peress li ma seħħitx fis-sittax-il sena li r-rikorrenti ħadmet mal-Consejo de Estado.

36. Wara li eżaminajt iktar 'il fuq l-applikabbiltà tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat għall-persunal awżiljarju, issa ser nivverifika jekk ir-rikorrenti hijiex ittrattata b'mod inqas favorevoli li huwa pprojbit mill-klawżola 4 ta' dan il-Ftehim qafas.

## B – *Fuq it-tieni domanda preliminari*

37. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fil-klawżola 4(4) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat għandux jiġi interpretat fis-sens li l-persunal awżiljarju ma jistax jiġi mċaħħad l-allowances ta' anzjanità li jingħataw kull tliet snin lill-"uffiċjali stabbiliti", lill-"uffiċjali temporanji" u lill-membri tal-persunal bil-kuntratt li jistgħu jkunu għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat.

22 — Nosserva, f'dan ir-rigward, li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, rigward ħaddiem b'kuntratt għal żmien indeterminat u mkeċċi matul il-perijodu ta' prova, li l-perijodu ta' prova, li matulu l-kuntratt seta' jiġi tterminat mingħajr restrizzjonijiet, ma kienx jikkostitwixxi kuntratt għal żmien determinat. Ara s-sentenza Nisttahuz Poclava (C-117/14, EU:C:2015:60, punt 36): "[I]l-perijodu ta' prova jservi essenzjalment sabiex jivverifika l-kapaċità u l-abbiltajiet tal-ħaddiem, filwaqt li l-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat jiġi użat meta t-tmiem tal-kuntratt ta' xogħol jew tar-relazzjoni ta' impjieg huwa ddeterminat minn kundizzjonijiet oġġettivi" (sentenza Nisttahuz Poclava, C-117/14, EU:C:2015:60, punt 36).

38. Issa, huwa, jidhirli jien, fir-rigward tal-klawżola 4(1) tal-imsemmi Ftehim qafas, iktar milli tal-klawżola 4(4) tiegħu, li għandu jiġi eżaminat jekk ir-rifjut tal-leġiżlatur Spanjol milli jagħti lill-persunal awżiljarju l-allowance kkontestata jikkostitwixxix diskriminazzjoni. Fil-fatt, dan il-punt 4 jistabbilixxi l-istess projbizzjoni bħall-ewwel punt [23], iżda huwa jirrigwarda l-"kwalifiki ta' perjodu ta' servizz relatati għall-kondizzjonijiet partikolari ta' l-impjieg" filwaqt li l-punt 1 jirrigwarda, b'mod ġenerali, il-"kondizzjonijiet ta' l-impjieg". Issa, allowance ma hijiex kwalifika ta' servizz [kriterju ta' anzjanità]. Il-persunal awżiljarju huwa mċaħħad mill-allowance kkontestata, mhux meta jkollu anzjanità insuffiċjenti, iżda għaliex mhux ikklassifikat bħala uffiċjal stabbilit. Barra minn hekk, fl-erba' kawżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat is-suġġett tal-allowance ta' anzjanità, hija wettqet eżami fid-dawl tal-klawżola 4(1) tal-imsemmi Ftehim qafas [24].

39. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, b'mod partikolari l-klawżola 4 tiegħu, huwa intiż li japplika [l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni] għall-ħaddiema għal żmien determinat sabiex ma jippermettix li relazzjoni ta' impjieg ta' din in-natura tiġi użata mill-persuna li timpjega biex iċċaħħad lil dawn il-ħaddiema mid-drittijiet li huma rikonoxxuti lill-ħaddiema għal żmien indeterminat" [25]. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni jeħtieġ li s-sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti sakemm dik id-differenza ma tkunx oġġettivament iġġustifikata [26]. L-ewwel nett għaldaqstant ser neżamina jekk il-persunal awżiljarju jinsabx f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik ta' uffiċjal stabbilit jew temporanju jew membru tal-persunal bil-kuntratt, it-tieni nett, jekk hemmx differenza fit-trattament. Fil-każ ta' risposta affermattiva, jien neżamina, fil-kuntest tar-risposta għat-tielet domanda preliminari tal-qorti tar-rinviju, jekk tali differenza fit-trattament tistax tiġi ġġustifikata "fuq bażi oġġettiva" [b'raġunijiet oġġettivi] fis-sens tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat.

1. Fuq il-kompatibbiltà tas-sitwazzjonijiet

40. Il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat tipprojbixxi t-trattament inqas favorevoli tal-ħaddiem għal żmien determinat minn ħaddiem kumparabbli permanenti. Il-klawżola 3(1) ta' dan il-Ftehim qafas tiddefinixxi "ħaddiem kumparabbli permanenti" bħala "ħaddiem b'kuntratt jew relazzjoni ta' impjieg għal żmien indefinit, fl-istess stabbiliment, ingaġġat fl-istess xogħol jew xogħol/impjieg simili, wara li tingħata attenzjoni xierqa lill-kwalifiki/kapaċitajiet". Hija tispeċifika li, "[m]eta ma jkun hemm ebda ħaddiem kumparabbli permanenti fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew meta ma jkun hemm ebda ftehim kollettiv applikabbli, skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika".

41. Id-definizzjoni tal-ħaddiem "kumparabbli" għal żmien indeterminat tinkludi, fl-opinjoni tiegħi, żewġ problemi, li ser neżamina suċċessivament jiġifieri fiex jikkonsisti xogħol "l-istess jew simili" u f'liema qafas għandu wieħed ifittex lil ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli jekk ma jeżistix tali ħaddiem fl-istess stabbiliment (fil-każ ineżami l-Consejo de Estado).

23 — Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt iddeċidiet li "l-punt 4 [tal-klawżola 4] jistabbilixxi l-istess projbizzjoni [bħal punt 1] għal dak li jirrigwarda l-kwalifiki ta' perjodu ta' servizz relatati għall-kondizzjonijiet partikolari ta' l-impjieg" (sentenzi Rosado Santana, C-177/10, EU:C:2011:557, punt 64 u Valenza *et*; C-302/11 sa C-305/11, EU:C:2012:646, punt 39; kif ukoll digriet Bertazzi *et*, C-393/11, EU:C:2013:143, punt 29).

24 — Sentenzi Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:509, punt 47) u Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres (C-444/09 u C-456/09, EU:C:2010:819, punt 50), kif ukoll digrieti Montoya Medina (C-273/10, EU:C:2011:167, punt 32) u Lorenzo Martínez (C-556/11, EU:C:2012:67, punt 37). Ara, b'mod partikolari l-punt 50 tas-sentenza Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres: "Sa fejn il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fil-kuntest ta' kawża dwar id-dritt tal-persunal temporanju għal allowance ta' rtirar, interpretazzjoni tal-espressjoni 'Kwalifiki ta' perjodu ta' servizz relatati [differenti]', li tidher fil-klawżola 4(4) tal-ftehim qafas, għandu jingħad li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li allowance ta' rtirar identiku għal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn din kienet irriżervata mid-dritt nazzjonali għall-persunal uffiċjali permanenti tas-servizzi tas-saħħa li jaħdmu b'terminu indefinit, bl-esklużjoni tal-persunal temporanju, jaqa' taħt il-kunċett ta' "kondizzjonijiet ta' l-impjieg" previst fil-klawżola 4(1) tal-ftehim qafas".

25 — Sentenza Nierodzik (C-38/13, EU:C:2014:152, punt 23).

26 — Sentenza Rosado Santana (C-177/10, EU:C:2011:557, punt 65).

a) Fuq xogħol “l-istess jew simili” fis-sens tal-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat

42. L-evalwazzjoni tal-karattru “l-istess jew simili” tax-xogħol li jsir mill-ħaddiem għal żmien determinat li jqis ruħu ddiskriminat u mill-ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli bħala prinċipju għandha ssir mill-qorti tar-rinviju [27]. Madankollu, dan ma jfixkilx lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi lill-qorti tar-rinviju kriterji sabiex jgħinuha fl-evalwazzjoni tagħha [28]. Hija għalhekk indikat li, “sabiex jiġi evalwat jekk il-ħaddiema jagħmlux l-istess xogħol jew xogħol simili, għandu jiġi eżaminat jekk dawn il-ħaddiema, fid-dawl tal-fatturi kollha, bħalma huma n-natura tax-xogħol, il-kundizzjonijiet ta’ taħriġ u l-kundizzjonijiet ta’ xogħol, jistgħux jiġu kkunsidrati li jinsabu f’sitwazzjoni komparabbli” [29].

43. Fiex jikkonsistu eżattament in-“natura tax-xogħol, il-kundizzjonijiet ta’ taħriġ u l-kundizzjonijiet ta’ xogħol”?

44. Fid-digriet Montoya Medina, il-Qorti tal-Ġustizzja tapprova l-analizi tal-qorti tar-rinviju, li kienet ibbażata fuq “eżami tal-istatus legali tal-professuri universitarji għal żmien indeterminat u tal-professuri universitarji għal żmien determinat” sabiex tosserva li “dawn iż-żewġ status jippreżupponu l-istess kwalifiki akkademiċi — peress li l-pussess ta’ dottorat huwa meħtieġ fiż-żewġ każijiet —, esperjenza professjonali simili — tliet snin f’każ minnhom u sentejn fl-ieħor —, u l-eżerċizzju ta’ funzjonijiet ta’ tagħlim u ta’ riċerka” [30]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma teħtieġx li l-qorti tar-rinviju tipproċedi għal eżami fil-fond tar-rwoli tal-professuri universitarji għal żmien determinat u għal żmien indeterminat (pereżempju, li tivverifika jekk dawn jgħallmux suġġett wieħed jew iktar, f’liema livell huma jgħallmu, jekk jissuperviżjonawx teżijiet) jew tat-taħriġ tagħhom (pereżempju, kemm-il sena ta’ esperjenza huma effettivament għandhom) [31].

45. Min-naħa l-oħra, fis-sentenza O’Brien, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet eżami iktar fil-fond tax-xogħol imwettaq mill-ħaddiema rilevanti. Hija tosserva li ġie ppreċiżat mill-partijiet, matul is-seduta li x-xogħol tal-imħallfin part-time u tal-imħallfin full-time huwa identiku, li jiġi eżerċitat fl-istess qrati u matul l-istess seduti [32]. B’approċċ differenti għal dak li kellha l-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet Montoya Medina, hija hawnhekk għalhekk ma hijiex kuntenta li tagħmel biss eżerċizzju sempliċi tal-istess professjoni (dik ta’ maġistrat). Peress li ġie osservat li r-rekwiżiti previsti fil-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat dwar ix-xogħol part-time huma bbażati fuq “il-kontenut tal-attività”, hija ssodisfatta, billi tikkunsidra l-qrati u s-seduti fejn issir tali attività, li għandha l-istess “kontenut” [33].

46. Issa, huwa f’sentenza li tinterpreta l-Artikolu 157(1) TFUE, li l-Qorti tal-Ġustizzja għal l-ewwel darba għamlet riferiment għan-“natura tax-xogħol, il-kundizzjonijiet ta’ taħriġ u l-kundizzjonijiet ta’ xogħol” [34]. L-Artikolu 157(1) TFUE, jipprovdi fil-fatt għall-prinċipju ta’ paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili “għal xogħol ugwali jew xogħol ta’ valur ugwali”. Barra minn hekk, id-digriet Montoya Medina, meta huwa jistabbilixxi li s-sitwazzjonijiet għandhom jiġu pparagunati billi jittieħdu

27 — Digriet Montoya Medina (C-273/10, EU:C:2011:167, punt 39); sentenza Rosado Santana (C-177/10, EU:C:2011:557, punt 67); digriet Lorenzo Martínez (C-556/11, EU:C:2012:67, punt 44); sentenza Valenza *et* (C-302/11 sa C-305/11, EU:C:2012:646, punt 43); digriet Bertazzi *et* (C-393/11, EU:C:2013:143, punt 33); u sentenza Nierodzik (C-38/13, EU:C:2014:152, punt 32).

28 — Sentenza Marrosu u Sardino (C-53/04, EU:C:2006:517, punt 54).

29 — Digriet Montoya Medina (C-273/10, EU:C:2011:167, punt 37); sentenza Rosado Santana (C-177/10, EU:C:2011:557, punt 66); digriet Lorenzo Martínez (C-556/11, EU:C:2012:67, punt 43); sentenza Valenza *et* (C-302/11 sa C-305/11, EU:C:2012:646, punt 42); digriet Bertazzi *et* (C-393/11, EU:C:2013:143, punt 32),; u sentenza Nierodzik (C-38/13, EU:C:2014:152, punt 31).

30 — Digriet Montoya Medina (C-273/10, EU:C:2011:167, punt 38).

31 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi approċċ simili fid-Digriet Lorenzo Martínez, fejn hija tiddeċiedi, “abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju”, li l-uffiċjali stabbiliti u l-uffiċjali temporanji tal-Komunità Awtonoma ta’ Castille-León jinsabu f’sitwazzjoni paragunabbli, peress li jeżerċitaw “funzjonijiet simili” (it-tagħlim), funzjonijiet li ma jeħtiġux “kwalifiki akkademiċi jew esperjenza differenti”. Ara d-digriet Lorenzo Martínez (C-556/11, EU:C:2012:67, punti 45 u 46).

32 — Sentenza O’Brien, C-393/10, EU:C:2012:110, punt 62.

33 — Sentenza O’Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 61).

34 — Sentenza Royal Copenhagen (C-400/93, EU:C:1995:155, punt 33).

inkunsiderazzjoni dawn it-tliet fatturi, jagħmel riferiment għas-sentenza Angestelltenbetriebsrat der Wiener Gebietskrankenkasse [35], li tagħti interpretazzjoni tal-Artikolu 157(1) TFUE [36]. Għalhekk jidhirli li huwa rilevanti li tiġi eżaminata l-ġurisprudenza rigward dan l-artikolu, iktar u iktar li s-sentenzi li jinterpretaw il-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat fejn il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina x-"xogħol" tal-ħaddiema rilevanti huma vera ftit [37].

47. Fis-sentenza Brunnhofer, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar is-sitwazzjoni ta' rikorrenti li, kienet responsabbli, fi ħdan bank Awstrijak, li tivverifika self minn dipartiment "barrani", u li tallega li ġarrbet diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess. Hija sostniet li s-sitwazzjoni tagħha kienet paragrunabbli għal dik ta' kollega maskili li kien jaħdem għall-istess bank u li kien ikklassifikat fl-istess kategorija professjonali tal-ftehim kollettiv applikabbli, kategorija li kienet tkopri lill-impjegati li kellhom taħriġ bankarju u li kienu jwettqu b'mod indipendenti xogħol ikkwalifikat. Il-Qorti tal-Ġustizzja staqsiet lill-qorti tar-rinviju sabiex tevalwa jekk ir-rikorrenti u l-kollega maskili tagħha, li miegħu qed isir il-paragun, wettqux xogħol paragunabbli, minkejja l-fatt li dan tal-aħħar kien inkarigat li jieħu ħsieb il-klijenti importanti u għal dan il-għan kellu s-setgħa kummerċjali, filwaqt li Brunnhofer, li kienet tivverifika s-self, kellha inqas kuntatt mal-klijenti u ma setgħetx tidħol f'impjenji li jorbtu direttament lill-persuna li timpjegaha [38]. Huwa ċar, li l-Qorti tal-Ġustizzja, ma teskludix li l-ħaddiema rilevanti, minkejja l-eżerċizzju tal-istess professjoni (dik tal-impjegati f'bank), ma jwettqux l-istess xogħol: jidhirli li hija tevalwa dan il-kunċett b'mod restrittiv, peress li hija tieħu inkunsiderazzjoni d-differenza bejn il-funzjonijiet imwettqa (il-verifika tas-self u l-amministrazzjoni tal-portfolio tal-klijent) kif ukoll is-setgħa kummerċjali u l-prerogattivi differenti tal-ħaddiema rilevanti.

48. Bl-istess mod, fis-sentenza Kenny, il-Qorti tal-Ġustizzja jidhirli li kienet qed tinterpreta l-kunċett "l-istess xogħol" b'mod restrittiv. F'din il-kawża, uffiċjali tal-Ministeru għall-Ġustizzja Irlandiża allegaw li kienu ġarrbu diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, minħabba l-fatt li kellhom salarju inferjuri għal dak tal-kollegi tagħhom maskili li kienu uffiċjali, mhux tal-Ministeru għall-Ġustizzja, iżda fil-pulizija, u kellhom iwettqu l-istess funzjonijiet, li kienu funzjonijiet amministrattivi. Il-Qorti tal-Ġustizzja talbet lill-qorti tar-rinviju sabiex tieħu inkunsiderazzjoni, minn naħa, id-differenza fil-kwalifiki professjonali bejn l-uffiċjali tal-Ministeru għall-Ġustizzja u tal-Pulizija, u min-naħa l-oħra, iċ-ċirkustanza li wħud mill-pulizija li kellhom iwettqu funzjonijiet amministrattivi kellhom ukoll iwettqu funzjonijiet oħra, ta' natura operazzjonali, bħal pereżempju l-komunikazzjoni mal-Europol u mal-Interpol, u li dawn il-pulizija kollha setgħu, bħala eċċezzjoni, jiġu msejħa jaħdmu fuq il-post minħabba l-bżonnijiet operazzjonali [39]. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ma teskludix li l-ħaddiema rilevanti, minkejja l-eżerċizzju ta' funzjonijiet komuni identiċi (il-funzjonijiet amministrattivi), ma jeżerċitawx l-istess xogħol: hija tevalwa l-kunċett b'mod restrittiv, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-eżerċizzju tal-funzjonijiet l-oħra li huma differenti (il-funzjonijiet tal-pulizija). Huwa minnu li s-soluzzjoni tal-qorti tar-rinviju tista' tiddependi, fil-kawża Kenny, mill-proporzjon bejn il-funzjonijiet amministrattivi u l-funzjonijiet tal-pulizija li jitwettqu mill-membri tal-pulizija rilevanti [40].

35 — Sentenza Angestelltenbetriebsrat der Wiener Gebietskrankenkasse (C-309/97, EU:C:1999:241).

36 — Digriet Montoya Medina (C-273/10, EU:C:2011:167, punt 37).

37 — Nosserva, għal raġuni ta' kompletezza, li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jikkostitwixxi indizju ta' xogħol l-istess jew simili ċ-ċirkustanza li r-rikorrenti, li kienet diġà taħdem għal żmien indeterminat għall-istess persuna li timpjega, kellha l-istess pożizzjoni fil-kuntest ta' kuntratt għal żmien determinat (il-kuntratt kien kuntratt part-time, peress li r-rikorrenti xtaqet tirtira kmieni): kemm in-natura kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' xogħol kienu identiċi peress li l-pożizzjoni kienet l-istess (sentenza Nierodzik, C-38/13, EU:C:2014:152, punt 33). Jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja segwiet l-istess approċċ fis-sitwazzjoni għal kuntrarju, dik tar-rikorrenti li kienu ġew impjegati minn qabel għal żmien determinat mill-istess persuna li timpjega u li allegatament kienu jagħmlu l-istess funzjonijiet fil-kuntest tal-kuntratti tagħhom għal żmien indeterminat (sentenza Valenza *et* C-302/11 sa C-305/11, EU:C:2012:646, punt 47, kif ukoll digriet Bertazzi *et*, C-393/11, EU:C:2013:143, punt 36). Madankollu, dawn is-sentenzi jirrigwardaw każijiet partikolari ħafna, fejn l-istess persuna wettqet l-istess xogħol fil-kuntest ta' tip ieħor ta' kuntratt: għalhekk dawn ma humiex ta' ħafna għajnuna.

38 — Sentenza Brunnhofer (C-381/99, EU:C:2001:358, punt 50).

39 — Sentenza Kenny *et* (C-427/11, EU:C:2013:122, punti 30 u 33).

40 — Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva (u tindika b'hekk jekk jirrigwardax element rilevanti) li hija ma tafx x'inhu "n-numru ta' membri tal-[pulizija] […] li jwettqu biss kompiti amministrattivi u n-numru ta' dawn li, barra dan, għandhom iwettqu kompiti ta' natura operazzjonali, bħall-komunikazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Eurpol) jew l-Interpol". Ara s-sentenza Kenny *et* (C-427/11, EU:C:2013:122, punt 32).

49. F'din il-kawża, jidhirli, li huwa l-approċċ segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet Montoya Medina li huwa xieraq li jiġi segwit, iktar milli dak adottat fis-sentenzi O'Brien, Brunnhofer u Kenny: il-kunċett ta' xogħol "l-istess jew simili", fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, għandu, fl-opinjoni tiegħi, jiġi interpretat b'mod wiesa', li ma jirrikjedix eżami tal-funzjonijiet imwettqa mill-ħaddiema rilevanti.

50. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita rigward il-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, "[f]id-dawl tal-għanijiet imfittxija minn [dan] il-Ftehim qafas, il-Klawżola 4 tiegħu [...] għandha tinftiehem bħala li tesprimi prinċipju ta' dritt soċjali tal-Unjoni li ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv"[41]. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ipprovdiet interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett "kundizzjonijiet tal-impjieg" imsemmi fil-klawżola 4(1) tal-imsemmi Ftehim qafas: hija ddeċidiet li l-kriterju deċiżiv sabiex tiddetermina jekk miżura tikkostitwixxix kundizzjoni tal-impjieg kien preċiżament dak tal-impjieg, jiġifieri r-relazzjoni stabbilita bejn ħaddiem u l-persuna li timpjegah[42]. Hija minn dan iddeduċiet li kienu jikkostitwixxu kundizzjonijiet tal-impjieg allowance ta' anzjanità[43], pensjoni (meta hija tiddependi mir-relazzjoni tal-impjieg u ma tirriżultax minn sistema legali ta' sigurtà soċjali)[44], il-kumpens għall-użu illegali ta' kuntratt għal żmien determinat[45] u t-terminu ta' avviż minn qabel għar-rexissjoni tal-kuntratti għal żmien determinat[46]. Hija b'mod partikolari osservat, fis-sentenza Nierodzik, li interpretazzjoni tal-Klawżola 4(1), li teskludi mid-definizzjoni tal-kunċett ta' kundizzjonijiet tal-impjieg, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, il-kundizzjonijiet ta' rexissjoni ta' kuntratt għal żmien determinat, twassal sabiex tnaqqas, għad-detriment tal-għan assenjat lill-imsemmija dispożizzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema għal żmien determinat kontra d-diskriminazzjonijiet[47]. Konstatazzjoni simili tista' ssir, jidhirli, fir-rigward tal-kunċett ta' xogħol "l-istess jew simili", li t-twettiq tiegħu jiddefinixxi lill-"ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli" msemmi fil-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat: interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li teskludi mid-definizzjoni tal-kunċett ta' "ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli" il-ħaddiem għal żmien indeterminat li ma jwettaqx eżattament l-istess funzjonijiet, twassal sabiex tnaqqas, għad-detriment tal-għan tal-klawżola 4 ta' dan il-Ftehim qafas, il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Tali interpretazzjoni ċċaħħad lil ħaddiem għal żmien determinat li jħossu ddiskriminat meta pparagunat ma' ħaddiem ta' riferiment peress li l-funzjonijiet imwettqa ma humiex eżattament l-istess.

51. Jidhirli li interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' xogħol "l-istess jew simili" għandu wkoll din il-konsegwenza li t-twettiq tat-tieni attività, li hija diversa mill-attività komuni, ma jippermettix li jwassal għall-assenza ta' tali xogħol, peress li din it-tieni attività tirrappreżenta biss attività aċċessorja, jiġifieri li l-ħaddiem rilevanti jqatta' inqas ħin milli fl-attività komuni. Bl-istess mod, it-twettiq remotament possibbli tat-tieni attività, diversa mill-attività komuni, ma jippermettix, fl-opinjoni tiegħi, li jwassal għall-assenza ta' xogħol l-istess jew simili. Tali soluzzjoni taqbel mas-sentenza O'Brien, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "ma jistax [...] jiġi argumentat li l-imħallfin full-time u l-[imħallfin part-time] ma humiex f'sitwazzjoni paragunabbli minħabba li dawn għandhom karrieri differenti, dan billi dawn tal-aħħar għandhom dejjem il-possibbiltà li jeżerċitaw il-funzjoni ta' avukat. Fil-fatt, l-iktar fattur importanti huwa li essenzjalment dawn jeżerċitaw l-istess attività"[48].

41 — Sentenza Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:509, punt 38); sentenza Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres (C-444/09 u C-456/09, EU:C:2010:819, punt 49); digriet Montoya Medina (C-273/10, EU:C:2011:167, punt 31); digriet Lorenzo Martínez (C-556/11, EU:C:2012:67, punt 36); sentenza Carratù (C-361/12, EU:C:2013:830, punt 33); kif ukoll sentenza Nierodzik (C-38/13, EU:C:2014:152, punt 24).

42 — Sentenzi Carratù (C-361/12, EU:C:2013:830, punt 35) u Nierodzik (C-38/13, EU:C:2014:152, punt 25).

43 — Sentenza Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:509, punt 48).

44 — Sentenza Impact (C-268/06, EU:C:2008:223, punt 134).

45 — Sentenza Carratù (C-361/12, EU:C:2013:830, punt 36).

46 — Sentenza Nierodzik (C-38/13, EU:C:2014:152, punt 29).

47 — Sentenza Nierodzik (C-38/13, EU:C:2014:152, punt 27).

48 — Sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 62).

52. Il-funzjonijiet imwettqa xorta għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qorti tar-rinviju. Madankollu, huma ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiddeterminaw jekk il-ħaddiem għal żmien determinat iwettaqx xogħol l-istess jew simili għal dak tal-ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli, iżda sabiex jiġi vverifikat jekk l-inugwaljanza fit-trattament tistax tiġi ġġustifikata minħabba raġuni oġġettiva. Il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat tipprovdi fil-fatt raġunament maqsum fi tnejn: l-ewwel nett, dan jirrigwarda eżami dwar jekk il-ħaddiem għal żmien determinat rilevanti huwiex, għal dak li jirrigwarda l-kundizzjoni tal-impjieg, ittrattat b'mod inqas favorevoli minn ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli, u t-tieni nett, dan jirrigwarda verifika dwar jekk tali inugwaljanza fit-trattament tistax tiġi ġġustifikata permezz ta' raġuni oġġettiva.

53. F'dan ir-rigward nosserva li, għalkemm fil-kuntest tal-eżami tal-inugwaljanza fit-trattament, il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi, kif diġà rajna, għan-"natura tax-xogħol" [49] , fil-kuntest tal-eżami tal-ġustifikazzjoni tal-inugwaljanza fit-trattament, hija tirreferi għan-"natura partikolari tal-kompiti li għat-twettiq tagħhom il-kuntratti għal żmien determinat ġew konklużi u [mill-]karatteristiċi intrinsiċi għalihom" [50]: l-użu tat-termini differenti (ix-"xogħol" u l-"kompiti") jissuġġerixxi li l-eżami tal-inugwaljanza fit-trattament għandu jiġi limitat għal paragun tax-"xogħol", terminu ġenerali, filwaqt li l-eżami tal-ġustifikazzjoni għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-"kompiti" mwettqa, fejn il-karattru "partikolari" huwa enfasizzat. Il-"kompiti" ma għandhomx għaldaqstant jittieħdu inkunsiderazzjoni matul l-eżami tal-inugwaljanza fit-trattament.

54. Nenfasizza li l-istess element ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni kemm sabiex tiġi stabbilita, l-ewwel nett, l-inugwaljanza fit-trattament, sussegwentement, it-tieni nett, sabiex tiġġustifikaha. Jekk is-sitwazzjoni tal-ħaddiema rilevanti tqieset li hija paragunabbli, dan ifisser li huma jwettqu xogħol l-istess jew simili fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat. Konsegwentement, l-inugwaljanza fit-trattament ma tistax sussegwentement tiġi ġġustifikata permezz tan-natura differenti tax-xogħol imwettaq [51]. L-inugwaljanza fit-trattament tista' biss tiġi ġġustifikata

49 — Ara l-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet.

50 — Ara s-sentenza Rosado Santana (C-177/10, EU:C:2011:557, punt 73): "[il-kunċett ta' raġunijiet oġġettivi] jeħtieġ li l-inugwaljanza fit-trattament tkun iġġustifikata mill-eżistenza ta' elementi preċiżi u konkreti, li jikkaratterizzaw il-kundizzjoni tax-xogħol ikkonċernat, fil-kuntest partikolari li fih hija taqa' u fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, sabiex jiġi vverifikat jekk din l-inugwaljanza tweġibx għal bżonn veru, hijiex adattata sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u hijiex neċessarja għal dan il-għan. L-imsemmija elementi jistgħu jirriżultaw, b'mod partikolari, *min-natura partikolari tal-kompiti li għat-twettiq tagħhom il-kuntratti għal żmien determinat ġew konklużi u mill-karatteristiċi inerenti għalihom* jew, jekk ikun il-każ, mit-tħaddin ta' għan leġittimu tal-politika soċjali ta' Stat Membru" (enfasi miżjuda minni). Ara wkoll is-sentenza Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:509, punt 53); is-sentenza Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres (C-444/09 u C-456/09, EU:C:2010:819, punt 55); id-digriet Montoya Medina (C-273/10, EU:C:2011:167, punt 41); id-digriet Lorenzo Martínez (C-556/11, EU:C:2012:67, punt 48); is-sentenza Valenza *et* (C-302/11 sa C-305/11, EU:C:2012:646, punt 51); kif ukoll id-digriet Bertazzi *et* (C-393/11, EU:C:2013:143, punt 40).

51 — Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li "n-natura tal-funzjonijiet eżerċitati [mill-ħaddiem għal żmien determinat rilevanti] u l-esperjenza li kiseb ma jikkostitwixxux biss wieħed mill-fatturi li jistgħu jiġġustifikaw oġġettivament trattament differenti fir-rigward [tal-ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli]. Huma jinsabu wkoll fost il-kriterji li jippermettu li jiġi vverifikat jekk il-persuna kkonċernata tinsabx f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik ta' dawn [tal-aħħar]" (sentenzi Rosado Santana, C-177/10, EU:C:2011:557, punt 69 u Valenza *et*, C-302/11 sa C-305/11, EU:C:2012:646, punt 44, kif ukoll digriet Bertazzi *et*, C-393/11, EU:C:2013:143, punt 34).
Ara, f'dan ir-rigward, Tobler, C., "The Prohibition of Discrimination in the Union's Layered System of Equality Law : From Early Staff Cases to the *Mangold* Approach", in *The Court of Justice and the Construction of Europe: Analyses and Perspectives on Sixty Years of Case-law*, Asser Press, 2013, p. 443-469: "recently, the Court confirmed in another context that the same factual elements may be relevant in the analytically different contexts of comparability and objective justification (Rosado Santana, para. 69), *which is rather confusing*" (p. 464) (enfasi miżjuda minni).
Madankollu, nosserva li dan il-paragrafu jidher, fis-sentenza rilevanti, qabel il-paragrafu rigward in-"natura partikolari tal-kompiti", iċċitat fil-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet u skont liema l-"kompiti" jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk l-inugwaljanza fit-trattament hijiex iġġustifikata. Konsegwentement, il-paragrafu rigward in-"natura partikolari tal-kompiti" għandu jinqara, fl-opinjoni tiegħi, bħala kjarifika mogħtija tal-paragrafu rigward in-"natura tal-funzjonijiet".

min-natura differenti tax-xogħol imwettaq jekk nagħtu lix-xogħol identiku jew simili kontenut differenti lil kull wieħed miż-żewġ stadji tal-eżami meħtieġ mill-klawżola 4: is-sempliċi "natura tax-xogħol" sabiex tiġi stabbilita l-inugwaljanza fit-trattament, in-"natura partikolari tal-kompiti" sabiex tiġġustifikaha [52].

55. Soluzzjoni alternattiva tkun li x-xogħol imwettaq jittieħed biss inkunsiderazzjoni sabiex tiġi stabbilita l-inugwaljanza fit-trattament: dan it-trattament ikun jista' biss jiġi ġġustifikat minħabba t-tfittxija ta' għan leġittimu ta' politika soċjali ta' Stat Membru [53], u mhux minħabba n-natura differenti tax-xogħol. F'ċirkustanza bħal din, ikun possibbli li tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura partikolari tal-kompiti sabiex tiġi stabbilita l-inugwaljanza fit-trattament. Tali ċirkustanza madankollu ma hijiex, fl-opinjoni tiegħi, konformi mal-għan tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat kif definit fil-klawżola 1(a) tiegħu, jiġifieri, titjieb il-kwalità ta' xogħol għal terminu fiss billi tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Tali għan fil-fatt jirrikjedi, kif rajna iktar 'il fuq, interpretazzjoni wiesgħa tal-klawżola 4 ta' dan il-Ftehim qafas. Barra minn hekk, jidhirli li tali huwa l-approċċ magħżul mill-Qorti tal-Ġustizzja: meta hija tinterpreta din il-klawżola 4, huwa fil-kuntest tal-eżami tal-ġustifikazzjoni li hija tagħmel riferiment għan-natura partikolari tal-kompiti [54].

56. Huwa xieraq għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, li jiġi indikat lill-qorti tar-rinviju li, fid-dawl tal-għanijiet tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, il-kunċett ta' xogħol "l-istess jew simili", fis-sens tal-klawżola 3(1) ta' dan il-Ftehim qafas, ma jistax ikun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta. In-natura partikolari tal-kompiti mwettqa mill-ħaddiema rilevanti ma għandhiex għalhekk tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn iwettqux xogħol l-istess jew simili. Min-naħa l-oħra, hija tista' tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk l-inugwaljanza fit-trattament hijiex iġġustifikata minn raġunijiet oġġettivi fis-sens tal-klawżola 4(1) tal-imsemmi Ftehim qafas. Bl-stess mod, it-twettiq, effettiv jew sempliċement potenzjali, ta' attività sekondarja, differenti mill-attività komuni, ma jippermettix li jiġi konkluż li tali xogħol huwa assenti, peress li din l-attività sekondarja hija biss attività aċċessorja, jiġifieri li l-ħaddiem rilevanti jqatta' inqas ħin f'dan ix-xogħol milli għall-attività komuni.

57. Fir-rigward tat-taħriġ professjonali, fl-opinjoni tiegħi, huwa għandu biss importanza sekondarja fir-rigward tan-natura tax-xogħol peress li l-għan huwa l-istabbiliment dwar jekk is-sitwazzjonijiet humiex paragunabbli. Fil-fatt jidhirli li kunsiderazzjoni bħal dik li għamlet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Angestelltenbetriebsrat der Wiener Gebietskrankenkasse hija kontestabbli, li tabib u

52 — L-Avukat Ġenerali Cosmas, barra minn hekk, ġibed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq dan il-punt fil-kawża Angestelltenbetriebsrat der Wiener Gebietskrankenkasse, li kienet tirrigwarda l-Artikolu 157(1) TFUE. In-natura tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jista' biss ikollhom "użu doppju", jiġifieri, jiġu użati kemm sabiex jiġu pparagunati x-xogħlijiet imwettqa kif ukoll sabiex tiġi ġġustifikata l-inugwaljanza fit-trattament, jekk jiġu ddefiniti b'mod differenti f'kull waħda miż-żewġ użijiet. Skont l-Avukat Ġenerali, "sabiex il-possibbiltà li jsir użu doppju mill-kriterju tat-taħriġ professjonali jkollha sens, għandu jiġi kkunsidrat li dan il-kriterju ma għandux kontenut identiku fil-kuntest ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ użijiet". Fil-każ ineżami, l-istess attività (il-psikoterapija) kienet eżerċitata minn tobba u minn psikologi kkwalifikati (dawn tal-aħħar ma kinux għalhekk tobba). L-Avukat Ġenerali ppropona li jittieħed inkunsiderazzjoni t-taħriġ professjonali kemm sabiex jiġi ddeterminat jekk is-sitwazzjonijiet kinux paragunabbli kif ukoll sabiex jiġi eżaminat, fil-każ ineżami, jekk id-differenza fit-trattament kinitx iġġustifikata. Huwa għalhekk issuġġerixxa li jingħata kontenut differenti lill-kriterju tat-taħriġ professjonali lil kull waħda miż-żewġ stadji: il-paragun tas-sitwazzjonijiet seta', fl-opinjoni tiegħu, jiġi eskluż biss fil-każ li t-taħriġ professjonali kien "fundamentalment differenti", filwaqt li l-ġustifikazzjoni setgħet tiġi ammessa fejn it-taħriġ professjonali kien sempliċement "differenti" [konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cosmas fil-kawża Angestelltenbetriebsrat der Wiener Gebietskrankenkasse, C-309/97, EU:C:1999:8, punt 33].
Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mad-distinzjoni proposta mill-Avukat Ġenerali: hija tqis li s-sitwazzjonijiet ma humiex paragunabbli u għalhekk ma tiħux deċiżjoni dwar il-ġustifikazzjoni u l-kriterji għal din il-ġustifikazzjoni (sentenza Angestelltenbetriebsrat der Wiener Gebietskrankenkasse, C-309/97, EU:C:1999:241, punt 20). Hija lanqas ma pprovdiet stampa iktar ċara dwar dan il-punt fis-sentenzi Royal Copenhagen u JämO (C-400/93, EU:C:1995:155, punt 42) u JämO (C-236/98, EU:C:2000:173, punti 48 u 52).

53 — Ara l-punt 86 ta' dawn il-konklużjonijiet.

54 — Nosserva li t-teħid inkunsiderazzjoni tan-"natura partikolari tal-kompiti", mhux sabiex jiġi stabbilit jekk is-sitwazzjonijiet humiex paragunabbli, iżda sabiex jiġi vverifikat jekk id-differenza fit-trattament tistax tiġi ġġustifikata, jista' jkollha bħala konsegwenza li tnaqqas l-oneru tal-prova li għandu l-ħaddiem għal żmien determinat, fatt li nqis huwa konformi mal-għan tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] kif definit fil-klawżola 1(a) tiegħu. Ċertament, dan il-Ftehim qafas ma jgħid xejn rigward it-tqassim tal-oneru tal-prova, u l-ġurisprudenza relattiva għal dan ma tipprovdi għall-ebda kjarifika. Madankollu, jidhirli li l-ħaddiem għal żmien determinat li jħossu ddiskriminat jista' jkollu diffikultajiet sabiex jistabbilixxi li huwa għandu l-istess kompiti bħal ħaddiem għal żmien indeterminat li jibbenefika mill-vantaġġ li ma jingħatax lilu, b'mod partikolari jekk dan jaħdem fi stabbiliment ieħor. Konsegwentement, jekk ikun meħtieġ minnu li jistabbilixxi, mhux li jwettaq xogħol l-istess jew simili, iżda li jwettaq eżattament l-istess kompiti, jista' jkun li, fil-prattika, tkun impossibbli għalih li jirrivendika l-protezzjoni tal-klawżola 4 tal-imsemmi Ftehim qafas.

psikologu ma humiex f'sitwazzjonijiet paragunabbli minħabba l-fatt biss li l-kwalifiki tagħhom huma differenti, meta huma jwettqu eżattament l-istess xogħol[55]. Dan ifisser li, peress li għandhom taħriġ professjonali differenti, ix-xogħol tagħhom huwa fir-realtà differenti, mhux minħabba li għandu għan differenti (l-attività mwettqa kienet l-istess: il-psikoterapija), iżda minħabba li huwa mwettaq b'mod differenti. Issa, it-teħid inkunsiderazzjoni, sabiex jiġi determinat jekk ix-xogħol huwiex l-istess jew simili, mhux biss tal-għan tax-xogħol, iżda wkoll tal-mod kif dan jitwettaq, ma jidhirlix li huwa konsistenti mal-għan tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, li jitlob għal interpretazzjoni wiesgħa tal-klawżola 4(1) tiegħu.

58. Fil-każ ineżami, ir-rikorrenti tqis ruħha ddiskriminata meta mqabbla mal-membri tal-persunal fis-servizz pubbliku kollha li jibbenefikaw mill-allowance ta' anzjanità li jingħata kull tliet snin fejn tali benefiċċju ma ngħatax lilha, jiġifieri lill-uffiċjali stabbiliti, lill-uffiċjali temporanji u lill-membri tal-persunal bil-kuntratt.

59. Issa, ir-rikorrenti ma tistax titqies li tinsab f'sitwazzjoni paragunabbli mal-membri tal-persunal fis-servizz pubbliku kollu, tkun xi tkun l-attività tagħhom: is-sitwazzjoni tagħha tista' tiġi pparagunata biss ma' dik ta' membri tal-persunal fis-servizz pubbliku li jwettqu xogħol "l-istess jew simili" fis-sens tal-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat.

60. F'dan ir-rigward, il-Gvern Spanjol issostni li l-persunal awżiljarju ma jwettaqx xogħol l-istess jew simili għal dak tal-membri tal-persunal fis-servizz pubbliku l-oħra, peress li jwettaq xogħol speċifiku, jiġifieri l-funzjonijiet ta' fiduċja jew ta' parir speċjali.

61. Dan l-argument ma jistax, fl-opinjoni tiegħi, jintlaqa'.

62. Huwa minnu li l-persunal awżiljarju, skont l-Artikolu 12(1) tal-LEBEP, iwettaq "biss funzjonijiet ikklassifikati bħala funzjonijiet ta' fiduċja jew ta' parir speċjali"[56]. Huwa minnu wkoll li, skont l-Artikolu 9(2) ta' din il-liġi, il-persunal awżiljarju ma jistax jeżerċita "funzjonijiet li jinvolvu l-parteċipazzjoni diretta jew indiretta fl-eżerċizzju tas-setgħa pubblika jew fis-salvagwardja tal-interessi ġenerali tal-Istat u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi". It-Tribunal Supremo, fis-sentenza tas-17 ta' Marzu 2005, speċifika li "l-atti ta' kollaborazzjoni professjonali li jaqgħu taħt il-funzjonijiet normali tal-amministrazzjoni pubblika, sew jekk huma funzjonijiet esterni ta' għoti ta' servizz u tal-pulizija vis-à-vis iċ-ċittadini, jew ta' funzjonijiet interni ta' natura purament organizzattiva u amministrattiva, ma jistgħux jitwettqu minn persunal awżiljarju"[57].

63. Madankollu, minn naħa, insibha diffiċli li nifhem kif il-fiduċja tista' tikkaratterizza x-xogħol tar-rikorrenti meta mqabbel ma' dak tal-membri tal-persunal fis-servizz pubbliku l-oħra: il-fiduċja tas-superjur ġerarkiku hija ċertament neċessarja għat-twettiq ta' ċerti funzjonijiet miksuba minn membri tal-persunal fis-servizz pubbliku oħra[58]. Min-naħa l-oħra, jekk il-persunal awżiljarju ma jistax iwettaq, skont il-formulazzjoni tat-Tribunal Supremo ċċitata fil-punt preċedenti, il-funzjonijiet normali tal-amministrazzjoni, madankollu, l-uffiċjali stabbiliti jistgħu jwettqu l-funzjonijiet ta' fiduċja jew ta'

55 — Sentenza Angestelltenbetriebsrat der Wiener Gebietskrankenkasse (C-309/97, EU:C:1999:241, punt 20): "mill-indikazzjonijiet li jinsabu fid-digriet tar-rinviju jirriżulta li, għalkemm il-psikoloġi u t-tobba impjegati bħala psikoterapisti […] iwettqu attività apparentement identika, huma jagħmlu użu, sabiex jittrattaw il-pazjenti tagħhom, minn għarfien u kapaċitajiet miksuba f'dixxipplini differenti, waħda bbażata fuq studji ta' psikoloġija u l-oħra fuq studji ta' mediċina". Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cosmas fil-Kawża Angestelltenbetriebsrat der Wiener Gebietskrankenkasse (C-309/97, EU:C:1999:8, punt 35): "minkejja l-fatt li, sa fejn b'riferiment għas-suġġett tagħha, huma jwettqu l-istess attività, jiġifieri l-psikoterapija, huma jippossjedu għarfien u esperjenza differenti u għalhekk idoneità terapetwika fundamentalment differenti, ċikustanza li għandha influwenza sostanzjali fuq ix-xogħol imwettaq".

56 — Enfasi miżjuda minni.

57 — Sentenza tat-Tribunal Supremo tas-17 ta' Marzu 2005, Awla għal proċeduri amministrattivi kontenzjużi, is-seba' taqsima, rikors Nru 4245/1999 (ROJ STS 1711/2005).

58 — Ir-rikorrenti tiddikjara li ma twettaqx, bħala segretarja, funzjonijiet ta' "pariri speċjali".

parir speċjali li jingħataw normalment lill-persunal awżiljarju. Fil-fatt, l-Artikolu 26(4) tal-Liġi Finanzjarja tal-2012, bħall-Artikolu 24(2) tal-Liġi 22/2013 dwar il-Liġi Finanzjarja tal-2014, jirreferi għall-"uffiċjali stabbiliti li, filwaqt ta' servizz attiv jew ta' servizzi speċjali, jokkupaw postijiet ta' xogħol irriżervati għall-persunal awżiljarju".

64. Għalhekk ma huwiex possibbli li jiġi eskluż, abbażi biss tal-leġiżlazzjoni Spanjola, li l-persunal awżiljarju jwettaq xogħol l-istess jew simili għal dak ta' xi wħud mill-membri tal-persunal fis-servizz pubbliku. Il-qorti tar-rinviju għandha għalhekk tivverifika jekk ix-xogħol effettivament imwettaq mir-rikorrenti, jiġifieri, xogħol tal-uffiċċju, huwiex l-istess jew simili għax-xogħol ta' ċerti membri tal-persunal fis-servizz pubbliku għal żmien indeterminat.

65. F'dan ir-rigward, infakkar li r-rikorrenti hija l-Kap tas-segretarjat tal-konsulent permanenti, President tat-tieni taqsima tal-Consejo de Estado.

66. Jeżistu segretarji oħra fi ħdan it-tieni taqsima tal-Consejo de Estado. Fil-fatt, peress li r-rikorrenti hija "kap tas-segretarjat" tat-tieni taqsima, dan is-segretarjat jinkludi diversi segretarji. Ċertament jeżistu segretarji oħra fit-taqsimiet l-oħra tal-Consejo de Estado. Il-qorti tar-rinviju għandha għalhekk tivverifika jekk dawn humiex, għal kuntrarju tar-rikorrenti, impjegati b'kuntratt għal żmien indeterminat. Jekk tali huwa l-każ, ix-xogħol tagħhom, fl-opinjoni tiegħi, għandu jitqies l-istess jew simili għal dak tar-rikorrenti.

67. Huwa possibbli li jeżistu differenzi bejn il-kompiti miksuba mir-rikorrenti, bħala Kap tas-segretarjat, u dawk ta' sempliċi segretarji, li ma jamministrawx segretarjat. Pereżempju, ir-rikorrenti tista' tkun qed tieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-kalendarju tal-President tat-tieni taqsima u tal-kuntatti mat-taqsimiet l-oħra tal-Consejo de Estado, kompiti li ma humiex imwettqa minn sempliċi segretarji. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi, tali differenzi bejn il-kompiti mwettqa mill-Kap tas-segretarjat u minn sempliċi segretarji għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, mhux sabiex jiġi stabbilit jekk huma jeżerċitawx xogħol l-istess jew simili, u għalhekk sabiex jiġi stabbilit jekk is-sitwazzjonijiet humiex paragunabbli, iżda sabiex jiġi stabbilit jekk id-differenza fit-trattament hijiex iġġustifikata.

68. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż, li s-segretarji kollha tal-Consejo de Estado, sew jekk jamministraw segretarjat sew jekk le, huma marbuta b'kuntratt għal żmien determinat. Jekk tali huwa l-każ, ma għandux, fl-opinjoni tiegħi, jiġi konkluż minn dan il-fatt li r-rikorrenti ma tistax tibbenefika mill-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat. Fil-fatt, it-tieni paragrafu tal-klawżola 3(2) tiegħu jipprovdi li "meta ma jkun hemm ebda ħaddiem kumparabbli permanenti fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew meta ma jkun hemm ebda ftehim kollettiv applikabbli, skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika". Il-Consejo de Estado jista', fl-opinjoni tiegħi, jitqies li huwa l-ekwivalenti, fis-settur pubbliku, ta' stabbiliment. Fi ħdan liema qafas għandna nsibu ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli jekk ma jeżisti l-ebda wieħed fi ħdan il-Consejo de Estado: segretarji tal-korpi konsultattivi Spanjoli l-oħra, segretarji fil-qrati Spanjoli jew segretarji tal-amministrazzjoni pubblika Spanjola, sew jekk huma awtoritajiet ġudizzjarji sew jekk le?

b) Fuq il-qafas ta' riferiment, fl-assenza ta' ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli fl-istess stabbiliment

69. Fis-sentenza Valenza, id-digriet Bertazzi u s-sentenza Nierodzik, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala ħaddiema għal żmien indeterminat paragunabbli l-persuni li jaħdmu għall-istess awtorità pubblika ta' regolamentazzjoni (l-awtorità Taljana għall-kompetizzjoni u l-awtorità Taljana għall-elettriku u l-gass)[59] jew għall-istess sptar pubbliku[60]. Minkejja l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma pprovdietx raġunijiet għall-għażliet tagħha, jidhilri li l-istess awtorità ta' regolamentazzjoni jew l-istess sptar jistgħu jitqiesu li huma ekwivalenti, fis-settur pubbliku, għall-istess stabbiliment imsemmi fl-ewwel paragrafu tal-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat.

70. Madankollu , fid-digrieti Montoya Medina u Lorenzo Martínez, kif ukoll fis-sentenza Rosado Santana, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huma ħaddiema għal żmien indeterminat paragunabbli, fir-rigward ta' professur tal-università għal żmien determinat fl-Università ta' Alicante, il-"professuri tal-università għal żmien indeterminat tal-persunal ta' għalliema universitarji [fl-istess] komunità awtonoma"[61] . Fir-rigward ta' professur mhux universitarju li ħadem f'ċentru għal tagħlim pubbliku fil-komunità awtonoma ta' Castille-León, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huma ħaddiema paragunabbli l-uffiċjali stabbiliti tal-"korp tal-għalliema li ma huwiex parti mill-persunal ta' għalliema universitarju li jaqa' fl-[istess] komunità awtonoma"[62] . Fir-rigward ta' uffiċjal temporanju tal-komunità awtonoma ta' Andalousie, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huma ħaddiema paragunabbli l-uffiċjali stabbiliti fl-istess komunità awtonoma u fl-istess kategorija[63]. Minkejja l-fatt, li anki hawnhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tipprovdix spjegazzjoni għall-għażliet tagħha, jidhirli li dawn il-ħaddiema ma jistgħux jitqiesu li jappartjenu għall-istess stabbiliment jew għall-ekwivalenti tiegħu fis-settur pubbliku: li kieku tali kienet l-intenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija kieku aċċettat lill-ħaddiema mill-istess università jew mill-istess ċentru għat-tagħlim.

71. Min-naħa l-oħra, nosserva li l-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-ħaddiema rilevanti kienu, fil-kawżi ċċitati fil-punt preċedenti, irregolati mill-istess test jew minn test li għandu l-istess awtur. Il-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-professuri universitarji għal żmien determinat u għal żmien indeterminat fil-komunità awtonoma ta' Valence kienu rregolati mill-istess digriet tal-Gvern ta' din il-komunità awtonoma[64] . Ir-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali temporanji u stabbiliti tal-komunità awtonoma ta' Castille-León kienu rregolati mill-istess liġi Spanjola (il-LEBEP, inkwistjoni fil-kawża prinċipali) u mill-istess digriet annwali ta' din il-komunità awtonoma[65] . Il-kalkolu tal-anzjanità tal-uffiċjali temporanji u stabbiliti tal-komunità awtonoma tal-Andalousie, minkejja li jidhru li huma rregolati minn żewġ testi, kienu rregolati mil-leġiżlatur Spanjol[66]. Konsegwentement, f'dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja, jidhirli, riedet tiddefinixxi l-qafas ta' riferiment bħala li jinkludi l-ħaddiema li l-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom kienu rregolati mill-istess test, jew minn test li kellu l-istess awtur, bħal dak tal-ħaddiem għal żmien determinat li jħossu ddiskriminat.

72. Tali definizzjoni tal-qafas ta' riferiment tista' tiġi spjegata permezz ta' raġunament simili għal dak tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Lawrence[67]. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 157(1) TFUE, japplika biss għall-persuni li jaħdmu għall-istess persuna li timpjega. Fil-fatt, jekk il-ħaddiema rilevanti jaħdmu għall-persuni li jimpjegaw differenti, id-differenzi fir-remunerazzjonijiet "ma jistgħux jiġu attribwiti għal sors uniku". Konsegwentement, jonqos entità li

59 — Sentenza Valenza *et* (C-302/11 sa C-305/11, EU:C:2012:646, punt 43) u digriet Bertazzi *et* (C-393/11, EU:C:2013:143, punt 33).

60 — Sentenza Nierodzik (C-38/13, EU:C:2014:152, punt 32).

61 — Digriet Montoya Medina (C-273/10, EU:C:2011:167, punt 39).

62 — Digriet Lorenzo Martínez (C-556/11, EU:C:2012:67, punt 46).

63 — Sentenza Rosado Santana (C-177/10, EU:C:2011:557, punti 67 u 83).

64 — Digriet Montoya Medina (C-273/10, EU:C:2011:167, punt 13).

65 — Digriet Lorenzo Martínez (C-556/11, EU:C:2012:67, punti 10 sa 17).

66 — Sentenza Rosado Santana (C-177/10, EU:C:2011:557, punti 10 sa 12).

67 — Sentenza Lawrence *et* (C-320/00, EU:C:2002:498, punt 18). Ara, ukoll, is-sentenza Allonby (C-256/01, EU:C:2004:18, punt 46).

hija responsabbli mill-inugwaljanza u li tista' tistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza fit-trattament. Issa, fil-kawżi ċċitati fil-punt 70 iktar 'il fuq, il-kundizzjonijiet ta' impjieg setgħu jiġu attribwiti lill-istess sors, sew jekk kien jirrigwarda l-Gvern tal-komunità awtonoma sew jekk kien jirrigwarda l-leġiżlatur Spanjol. Il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika, barra minn hekk, fis-sentenza Lawrence, li d-differenzi fir-remunerazzjoni jistgħu jiġu attribwiti għal sors uniku fi tliet każijiet: meta huma "għandhom direttament is-sors tagħhom *fid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi* jew fil-ftehim kollettiv tax-xogħol kif ukoll fil-każ li x-xogħol sar fl-istess stabbiliment jew uffiċċju, privat jew pubbliku"[68] . Il-leġiżlatur jista' għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jitqies li huwa sors uniku, fatt li jawtorizza l-paragun mal-ħaddiema kollha li fil-konfronti tagħhom huwa stabbilixxa l-iskema ta' remunerazzjoni.

73. Tali definizzjoni tal-qafas ta' riferiment issib ukoll sostenn fil-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat. Din tipprovdi li fl-assenza ta' ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun isir skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Issa, jekk jiġu aċċettati bħala ħaddiema għal żmien indeterminat paragunabbli l-ħaddiema li l-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom huma rregolati mill-istess liġi bħal kundizzjonijiet ta' xogħol tal-ħaddiem għal żmien determinat rilevanti jfisser li l-qafas ta' riferiment huwa ddefinit konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

74. Konsegwentement, jidhirli li, jekk l-ebda ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli ma jista' jiġi identifikat fl-istess stabbiliment, dan għandu jitfittex minn fost il-ħaddiema li l-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom jistgħu jiġu attribwiti lill-istess sors. Fil-każ tas-settur pubbliku fejn il-kundizzjonijiet ta' xogħol huma ddefiniti mill-awtorità pubblika[69], tali soluzzjoni tippermetti l-aċċettazzjoni ta' definizzjoni wiesgħa tal-qafas ta' riferiment, konformement mal-għanijiet tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat. Inżid biss riżerva waħda għall-approċċ segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi msemmija fil-punt 70 iktar 'il fuq: jidhirli li, sabiex tiġi osservata l-klawżola 3(2) ta' dan il-Ftehim qafas, huwa neċessarju li wieħed ifittex jekk jeżistix ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli fi ħdan l-istess stabbiliment, jiġifieri, fir-rigward tas-settur pubbliku, fl-istess awtorità, fl-istess amministrazzjoni jew fl-istess dipartiment, qabel ma wieħed ifittex lil tali ħaddiem minn fost dawk li l-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom jistgħu jiġu attribwiti lill-istess sors.

75. Fil-każ ineżami, huwa għalhekk fi ħdan il-Consejo de Estado li wieħed għandu jfittex lil ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli. Fil-każ li tali ħaddiem ma jeżistix fi ħdan il-Consejo de Estado, wieħed għandu jfittxu minn fost il-ħaddiema li l-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom huma rregolati mill-LEBEP (li tipprovdi definizzjoni tar-remunerazzjoni tal-uffiċjali stabbiliti u li tispeċifika li l-iskema tal-uffiċjali stabbiliti hija bħala prinċipju applikabbli għall-persunal awżiljarju) u mil-liġijiet finanzjarji (li jiddefinixxu r-remunerazzjoni tal-persunal awżiljarju u li jeskludu l-allowance ta' anzjanità kontenzjuża li tingħata kull tliet snin): il-kundizzjonijiet għar-remunerazzjoni tal-persunal awżiljarju u tal-uffiċjali għandhom l-istess sors jiġifieri l-leġiżlatur Spanjol. Jien tal-opinjoni li, fl-assenza tal-ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli fi ħdan il-Consejo de Estado, wieħed għandu jfittex lil tali ħaddiem qabel kollox minn fost is-segretarji tal-korpi konsultattivi Spanjoli l-oħra u tal-qrati Spanjoli l-oħra. Fil-fatt, il-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, teħtieġ li tali ħaddiem

68 — Sentenza Lawrence *et* (C-320/00, EU:C:2002:498, punt 17). Enfasi miżjuda minni.

69 — F'dan ir-rigward, nosserva, li d-definizzjoni tal-qafas ta' riferiment bħala li tinkludi lill-ħaddiema li l-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom jistgħu jiġu attribwiti lil sors uniku tista', applikata għas-settur privat, twassal għal definizzjoni ta' qafas ristrett. Il-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat għalhekk tipprovdi li, meta ma jkun hemm ebda ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli: fil-każ li l-ftehim kollettiv applikabbli huwa ftehim kollettiv tal-impriża, il-qafas ta' riferiment ser ikun ristrett għall-ħaddiema tal-impriża rilevanti. Barra minn hekk, id-definizzjoni tal-qafas ta' riferiment skont is-sors tal-kundizzjonijiet ta' xogħol tista' twassal sabiex jiġi aċċettat, għall-istess xogħol (segretarja), qafas iktar ristrett għall-ħaddiema fis-settur privat (għas-segretarji għal żmien determinat fis-settur privat, is-segretarji għal żmien indeterminat fl-istess impriża, peress li l-ftehim kollettiv applikabbli huwa ftehim tal-impriża) milli għall-ħaddiema fis-settur pubbliku (għas-segretarji għal żmien determinat fis-settur pubbliku, is-segretarji għal żmien indeterminat fl-amministrazzjoni pubblika kollha kemm hi). Madankollu, tali konsegwenzi jidhru, fl-opinjoni tiegħi, li jirriżultaw mill-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat. Din tipprovdi fil-fatt paragun b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli jew skont il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika nazzjonali. Hija għalhekk tħalli f'idejn l-Istati Membri sabiex jiddefinixxu l-qafas ta' riferiment.

jinsab fi ħdan l-istess stabbiliment, jiġifieri l-iċken qafas possibbli, qabel ma l-qafas ta' riferiment jikber. Konsegwentement, it-tfittxija tal-ħaddiem fi ħdan il-korpi konsultattivi Spanjoli l-oħra u l-qrati Spanjoli qabel ma tespandi t-tfittxija, jekk ikun il-każ, għall-uffiċjali f'amministrazzjonijiet oħra, jidhirli li hija konformi mal-ispirtu tal-klawżola 3(2) ta' dan il-Ftehim qafas.

76. Wara li spjegat ma' liema ħaddiema għal żmien indeterminat paragunabbli għandha titqabbel is-sitwazzjoni tar-rikorrenti, u ma' liema kundizzjonijiet, issa ngħaddi sabiex neżamina jekk ir-rikorrenti kinitx iddiskriminata.

2. Fuq id-differenza fit-trattament

77. Il-kwistjoni fil-kawża prinċipali tirrigwarda l-għoti tal-allowance ta' anzjanità li tingħata kull tliet snin prevista fl-Artikolu 23 tal-LEBEP.

78. Il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat tipprojbixxi d-diskriminazzjoni tal-ħaddiema għal żmien determinat għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-impjieg. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li allowance ta' anzjanità tikkostitwixxi "kundizzjoni tal-impjieg" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni [70]. Fis-sentenza Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, kellha tiddeċiedi dwar l-allowance ta' anzjanità li tingħata kull tliet snin inkwistjoni fil-kawża prinċipali (anki jekk, f'din is-sentenza, ir-rikorrenti kienu uffiċjali temporanji, filwaqt li M. J. Regojo Dans hija uffiċjal awżiljarju) [71].

79. L-Artikolu 23(b) tal-LEBEP jipprovdi li l-uffiċjali stabbiliti għandhom dritt għal allowance ta' anzjanità li tingħata kull tliet snin u tiddefinixxi tali allowance bħala "ammont fiss, għal kull sottogrupp fil-klassifika professjonali jew, fl-assenza ta' sottogrupp, għal kull grupp fil-klassifika professjonali, għal kull perijodu ta' tliet snin ta' servizz". L-Artikolu 25(1) tal-LEBEP jipprovdi li l-uffiċjali temporanji jirċievu allowance ta' anzjanità li tingħata kull tliet snin. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 26(4) tal-Liġi Finanzjarja tal-2012, rigward ir-remunerazzjoni tal-persunal awżiljarju, ma ssemmix l-allowance ta' anzjanità li tingħata kull tliet snin: huwa għalhekk, kif tispjega, barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju, ma jirċevihiex.

80. Għalhekk teżisti differenza fit-trattament bejn il-persunal awżiljarju, li jirreferi, kif rajna, għal ħaddiema "għal terminu fiss" fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, u li ma jirċevix l-allowance kkontestata, u l-uffiċjali stabbiliti, li jirċevuha u li l-istatus tagħhom bħala ħaddiema għal żmien indeterminat ma huwiex ikkontestat.

70 — Sentenzi Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:509, punti 47 sa 48) u Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres (C-444/09 u C-456/09, EU:C:2010:819, punt 50) kif ukoll digrieti Montoya Medina (C-273/10, EU:C:2011:167, punt 32) u Lorenzo Martínez (C-556/11, EU:C:2012:67, punt 37).

71 — Sentenza Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres (C-444/09 u C-456/09, EU:C:2010:819, punt 20).

81. Min-naħa l-oħra, l-uffiċjali temporanji, li jirċievu l-allowance kkontestata, huma uffiċjali għal żmien determinat [72]. Id-differenza fit-trattament bejn il-persunal awżiljarju u l-uffiċjali temporanji għalhekk ma taqax taħt il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, li tgħid li l-ħaddiema għal żmien determinat ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema *għal żmien indeterminat* paragunabbli [73].

82. Bl-istess mod, fir-rigward tal-membri tal-persunal bil-kuntratt, tista' biss teżisti differenza fit-trattament mal-membri tal-persunal li huma għal żmien indeterminat (l-Artikolu 8(2)(c) tal-LEBEP jipprovdi fil-fatt li l-membri tal-persunal huma impjegati jew għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat), peress li jirċievu l-allowance kkontestata.

83. Peress li eżaminajt l-eżistenza ta' differenza fit-trattament issa ser ngħaddi għall-ġustifikazzjoni ta' din id-differenza.

## C – *Fuq it-tielet domanda preliminari*

84. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk is-sistema ta' ħatra libera u ta' terminazzjoni libera tal-persunal awżiljarju tikkostitwixxix raġuni oġġettiva li tista' tiġġustifika l-inugwaljanza fit-trattament, fis-sens tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat.

72 — Fis-sentenza Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres (C-444/09 u C-456/09, EU:C:2010:819), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat kien japplika għall-uffiċjali temporanji Spanjoli (li l-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom kienu rregolati, bħal f'din il-kawża, mil-LEBEP).

73 — Nenfasizza li s-sitwazzjoni li fuqha għandha tiddeċiedi l-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża hija differenti minn dik li waslet għad-digriet Rivas Montes (C-178/12, EU:C:2013:150).
F'dan id-digriet, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar id-dispożizzjoni Spanjola li kienet tipprovdi, fir-rigward tal-uffiċjali stabbiliti, it-teħid inkunsiderazzjoni, għall-kalkolu tal-allowance ta' anzjanità, tal-perijodi kollha preċedenti fis-servizz, kienet liema kienet l-amministrazzjoni fejn kienu ġew ikkompletati dawn is-snin fis-servizz. Min-naħa l-oħra l-istess dispożizzjoni tipprovdi, fir-rigward tal-membri tal-persunal bil-kuntratt, għat-teħid inkunsiderazzjoni biss tal-perijodi fis-servizz ikkompletati fl-istess amministrazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-konformità ta' din id-dispożizzjoni Spanjola mal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat. Hija osservat li l-membri tal-persunal bil-kuntratt kienu impjegati jew għal żmien determinat jew inkella għal żmien indeterminat, u li l-membri tal-persunal bil-kuntratt kollha kienu ttrattati bl-istess mod (bit-teħid inkunsiderazzjoni biss tal-perijodi fis-servizz ikkompletati fl-istess amministrazzjoni). Minn dan hija ddeduċiet li d-differenza fit-trattament allegat kienet ibbażata, mhux fuq iż-żmien determinat jew indeterminat tar-relazzjoni ta' xogħol, iżda fuq in-natura ġuridika tar-relazzjoni (in-natura ta' servizz pubbliku tagħha jew in-natura kuntrattwali tagħha). Tali differenza fit-trattament għalhekk ma taqax taħt id-dritt tal-Unjoni.
Issa, fid-digriet Rivas Montes, fejn membru tal-persunal bil-kuntratt għal żmien determinat invoka l-benefiċċju tal-imsemmija klawżola 4, mhux kull membru tal-persunal bil-kuntratt kien għal żmien determinat, uħud kienu għal żmien indeterminat, madankollu, kollha kienu ttratati bl-istess mod. Min-naħa l-oħra, f'din il-kawża, fejn membru tal-persunal awżiljarju jinvoka l-benefiċċju tal-istess klawżola 4, il-membri tal-persunal awżiljarju kollha huma għal żmien determinat u huma ttrattati bl-istess mod (l-ebda wieħed ma għandu d-dritt għall-allowance kkontestata).
Fi kwalunkwe każ, is-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet Rivas Montes jidhirli li tista' tiġi kkontestata. Fil-fatt, sa fejn ir-rikorrenti kienet ġiet impjegata għal żmien determinat jew fejn ċerti ħaddiema għal żmien indeterminat (l-uffiċjali stabbiliti) kienu jibbenefikaw mill-vantaġġ li kien ġie rrifjutat lilha, kien ikun aħjar, fl-opinjoni tiegħi, li jiġi kkunsidrat li dan kien każ ta' inugwaljanza fit-trattament projbit mill-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat. Meta l-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat milli tagħti lil R. Rivas Montes il-benefiċċju ta' din il-klawżola 4, hija qiegħda effettivament teħtieġ li l-ħaddiema għal żmien indeterminat paragunabbli *kollha* (uffiċjali stabbiliti u membri tal-persunal bil-kuntratt għal żmien indeterminat), u mhux biss *ċerti* ħaddiema għal żmien indeterminat paragunabbli (l-uffiċjali stabbiliti), jibbenefikaw mill-vantaġġ li huwa miċħud lill-ħaddiem għal żmien determinat li jħossu ddiskriminat. Fl-opinjoni tiegħi, din hija interpretazzjoni restrittiva tal-imsemmija klawżola 4, filwaqt li l-għanijiet ta' dan il-Ftehim qafas u l-effettività tiegħu jirrikjedu interpretazzjoni wiesgħa ta' din l-istess klawżola. Finalment, nosserva li, fid-digriet Vino, li fuqu sserraħ il-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet Rivas Montes, l-ebda ħaddiem għal żmien indeterminat ma seta' jibbenefika mill-vantaġġ mitlub mir-rikorrenti, peress li tali vantaġġ kien jikkonsisti f'dikjarazzjoni mandatorja, fil-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat, tar-raġuni għalfejn dan il-kuntratt kien għal żmien determinat (l-ommissjoni ta' tali dikjarazzjoni twassal għall-klassifikazzjoni mill-ġdid f'kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat). Għalhekk kien hemm differenza fit-trattament bejn ċerti ħaddiema għal żmien determinat (dawk li jaħdmu, bħar-rikorrenti, fl-uffiċċji tal-posta Taljani, fejn test kien jipprovdi li l-kuntratt ma kellux għalfejn isemmi r-raġuni għalfejn huwa kien għal żmien determinat) u ħaddiema oħra għal żmien determinat (dawk li jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-liġi komuni, jiġifieri li l-kuntratt tagħhom kellu jiddikjara r-raġuni li minħabba fiha l-kuntratt kien għal żmien determinat) Ara digriet Vino (C-20/10, EU:C:2010:677, punti 15, 16 u 57).

85. Il-klawżola 4(1) tal-imsemmi Ftehim qafas tipprovdi li l-ħaddiema għal żmien determinat ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli, għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-impjieg, mill-ħaddiema għal żmien indeterminat paragunabbli, sakemm trattament differenti ma jkunx iġġustifikat permezz ta' raġunijiet oġġettivi.

86. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' "raġuni oġġettiva" għandu jinftiehem bħala li ma jippermettix li tiġi ġġustifikata differenza fit-trattament minħabba l-fatt li din id-differenza hija prevista minn regola nazzjonali ġenerali u astratta, bħal liġi jew ftehim kollettiv. Id-differenza fit-trattament għandha tiġi ġġustifikata permezz ta' elementi preċiżi u konkreti, li jikkaratterizzaw il-kundizzjoni tal-impjieg li jirrigwardawha, fil-kuntest partikolari li hija sseħħ u abbażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti. Hija barra minn hekk għandha tissodisfa l-prinċipju ta' proporzjonalità, jiġifieri tissodisfa bżonn reali, li tkun adattata sabiex tikseb l-għan mixtieq u neċessarja għal dan il-għan. Jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi fis-sens tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, b'mod partikolari, "in-natura partikolari tal-kompiti li għat-twettiq tagħhom tali kuntratti għal żmien determinat ġew konklużi", kif ukoll "it-tfittxija ta' għan leġittimu ta' politika soċjali ta' Stat Membru"[74].

87. Is-sistema ta' ħatra libera u ta' terminazzjoni libera tal-persunal awżiljarju ma tistax tikkostitwixxi "raġuni oġġettiva" fis-sens tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, l-aċċettazzjoni tal-argument li n-natura temporanja ta' relazzjoni ta' impjieg hija suffiċjenti sabiex tiġġustifika differenza fit-trattament bejn ħaddiema għal żmien determinat u ħaddiema għal żmien indeterminat iġġib fix-xejn l-għanijiet tad-Direttiva 1999/70 kif ukoll ta' dan il-Ftehim qafas u tipperpetwa l-manteniment ta' sitwazzjoni sfavorevoli għall-ħaddiema għal żmien determinat[75].

88. Min-naħa l-oħra, l-għan li tiġi kkumpensata l-lealtà tal-persunal permezz tal-allowance kkontestata jidhirli, kif isostni l-Gvern Spanjol, li jikkostitwixxi għan ta' politika soċjali li jista' jiġġustifika l-inugwaljanza fit-trattament. Madankollu, jibqa' jgħodd il-fatt li l-miżura nazzjonali trid tkun adattata sabiex tilħaq tali għan u proporzjonata. Issa, infakkar li r-rikorrenti, li ilha taħdem fl-amministrazzjoni pubblika Spanjola għal 31 sena u nofs, qatt ma rċeviet l-allowance kkontestata. Niddubita għalhekk dwar kemm il-miżura hija proporzjonali.

89. Fir-rigward tan-natura partikolari tal-kompiti, hija tikkostitwixxi, kif diġà rajna, "raġuni oġġettiva" fis-sens tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat. Hija l-qorti tar-rinviju li tistabbilixxi jekk il-kompiti mwettqa mir-rikorrenti jistgħux jiġġustifikaw ir-rifjut tal-allowance kkontestata. Madankollu, nosserva li, għalkemm il-kompiti tar-rikorrenti huma differenti minn dawk ta' segretarji oħra, dan huwa minħabba l-fatt li hija teżerċita prerogattivi li segretarji oħra ma għandhomx, permezz tal-funzjonijiet organizzattivi u amministrattivi tagħha. Issa, ma nistax nifhem kif it-twettiq ta' kompiti addizzjonali jista' jiġġustifika r-rifjut ta' remunerazzjoni addizzjonali.

## IV – **Konklużjoni**

90. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mit-Tribunal Supremo:

1) Il-klawżoli 2(1) u 3(1) tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konklużi mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' xogħol. Madankollu hija l-qorti tar-rinviju li għandha

74 — Sentenza Valenza *et* (C-302/11 sa C-305/11, EU:C:2012:646, punti 50 u 51) kif ukoll digriet Bertazzi *et* (C-393/11, EU:C:2013:143, punti 39 u 40).

75 — Sentenza Valenza *et* (C-302/11 sa C-305/11, EU:C:2012:646, punt 52) kif ukoll digriet Bertazzi *et* (C-393/11, EU:C:2013:143, punt 41).

tiżgura li tali definizzjoni ma twassalx sabiex teskludi arbitrarjament il-kategorija tal-persunal awżiljarju mill-benefiċċju tal-protezzjoni offerta mill-Ftehim qafas. Il-persunal awżiljarju għandu jingħata tali protezzjoni peress li n-natura tar-relazzjoni tiegħu mal-amministrazzjoni pubblika ma hijiex sostanzjalment differenti minn dik li torbot mal-persuni li jimpjegaw lill-persuni li jaqgħu, skont id-dritt Spanjol, fil-kategorija tal-ħaddiema.

2) Il-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li t-terminazzjoni awtomatika tal-ħaddiem minħabba t-terminazzjoni tal-pożizzjoni tas-superjur ġerarkiku tikkostitwixxi kundizzjoni oġġettiva li tiddetermina t-tmien tar-relazzjoni ta' xogħol, anki jekk ir-relazzjoni ta' xogħol tista' wkoll tintemm fuq is-sempliċi deċiżjoni tas-superjur ġerarkiku.

3) Sabiex jiġi evalwat jekk il-ħaddiema jeżerċitawx xogħol "l-istess jew simili", fis-sens tal-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas, għandu jiġi stabbilit jekk dawn il-ħaddiema, fid-dawl tal-elementi kollha, bħan-natura tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tat-taħriġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, jistgħux jitqiesu li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli. Il-kunċett ta' xogħol "l-istess jew simili" ma jistax, fid-dawl tal-għanijiet tal-Ftehim qafas, jiġi interpretat b'mod ristrett. Għalhekk in-natura partikolari tal-kompiti li minħabba fihom ġie konkluż il-kuntratt għal żmien determinat u l-karatteristiċi inerenti ta' dawn il-kompiti ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk il-ħaddiema jeżerċitawx xogħol "l-istess jew simili". Lanqas ma jista' jittieħed inkunsiderazzjoni t-twettiq, effettiv jew sempliċement potenzjali, ta' attività sekondarja, differenti mill-attività komuni, peress li hija tirrappreżenta biss attività aċċessorja għall-attività komuni.

4) Il-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li, peress li ma jeżistix il-ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli fl-istess awtorità pubblika jew fl-istess dipartiment tal-amministrazzjoni pubblika, dan il-ħaddiem għandu jitfittex minn fost il-ħaddiema għal żmien indeterminat li l-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom kienu ġew iddefiniti mill-istess awtur u li jwettqu xogħol l-istess jew simili.

5) Il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li allowance ta' anzjanità taqa' taħt il-kunċett ta' "kundizzjoni tal-impjieg" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

6) Sistema ta' ħatra libera u ta' terminazzjoni libera tal-ħaddiema għal żmien determinat ma tistax tikkostitwixxi raġuni oġġettiva li tiġġustifika l-inugwaljanza fit-trattament fis-sens tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas. Min-naħa l-oħra, l-għan li tiġi kkumpensata l-lealtà tal-persunal fi ħdan amministrazzjoni pubblika jikkostitwixxi tali raġuni oġġettiva. Madankollu, ir-rifjut milli jingħata allowance ta' anzjanità membru tal-persunal li wettaq iktar minn tletin sena ħidma fi ħdan amministrazzjoni pubblika ma jitqiesx li huwa adattat sabiex jinkiseb tali għan. Fir-rigward tan-natura partikolari tal-kompiti li minħabba fihom ġie konkluż il-kuntratt għal żmien determinat u l-karatteristiċi inerenti ta' dawn il-kompiti, dawn jikkostitwixxu raġuni oġġettiva fis-sens tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas. L-eżerċizzju ta' prerogattivi minn ħaddiem għal żmien determinat li ma jużufruwixxix minnu ħaddiem għal żmien indeterminat paragunabbli ma jistax madankollu jiġġustifika t-trattament inqas favorevoli tal-ewwel.